Moviment ta' Kana
GRUPPI FAMILJI NSARA
SKEMI 2020

Dan il-Ktieb hu ppubblikat mill-Kummissjoni Formazzjoni fi ħdan il-Kumitat Ċentrali tal-Gruppi Familji Nsara, tal-Moviment ta' Kana. Ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom fit-tħejjija tiegħu.

Disinn: Box Design - ram@box-design.net
Stampar: Gutenberg Press



“U l-Mulej qatt ma jasal f’familja ġdida bla ma jagħmel xi miraklu. Niftakru x’għamel fit-tieġ ta’ Kana! Iva, il-Mulej, jekk nintelqu f’idejh, jagħtina li nagħmlu l-mirakli – imma dawk il-mirakli tal-ħajja ta’ kuljum! – meta hemm il-Mulej preżenti, hemm, f’dik il-familja.”

(PAPA FRANĠISKU FL-UDJENZA ĠENERALI TAL-ERBGĦA 9 TA’ SETTEMBRU 2015)

Il-Laqgħa tal-Avvent

Tnedija SKEMI 2019

Fit-12 ta' Diċembru 2018, saret it-tnedija ta' SKEMI 2019 fis-Sala Yvonne, fil-Parroċċa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima, fi Gwardamanġa. L-attendenza tal-Koppji Mexxejja kienet waħda tajba. Saru diskorsi ta' introduzzjoni rigward l-Iskemi kemm miċ-Chaplain Nazzjonali Mons. Charles Attard u mill-Presidenta s-Sinjura Helen D'Amato. Ġie mtella' wkoll Power Point imħejji mis-Segretarju Emmanuel Falzon. Wara sar riċeviment.

Quddiesa Familja (San Ġwann) 15 ta' Diċembru 2018

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Familja Mqaddsa, is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018, il-Gruppi Familji Nsara organizzaw il-Quddiesa għall-Familja li kienet immexxija mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta. Il-Kor Schola Cantorum Exsultate Domino anima t-tifħir u kant waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.



L-Ikla tal-Milied u żorna xi presepji

Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali nżammet fit-23 ta' Frar 2019 fid-Dar ta' San Ġużepp Sta. Venera. Minkejja l-maltemp qawwi li kien hemm, l-attendenza tal-membri kienet waħda tajba ħafna.
Bdejna biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mmexxija minn Mons. Charles Attard. Fr Philip Cutajar għamel taħdita fuq l-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku *Gaudete et Exsultate* li tfisser "Ifirħu u Thennew". Wara ġew moqrija r-rapporti annwali u finanzjarji mill-Koppji President, Segretarji, u Teżoriera. Il-membri l-oħra tal-Kumitat Ċentrali ħadu ħsieb jippreparaw għar-riċeviment li sar wara.

Laqgħa Randan id-Dar tal Providenza

Ċelebrazzjoni Familja - Ħad-Dingli

BBQ tas-Sajf mal-Gruppi Familji Nsara



Laqgħa Formazzjoni

Nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru 2019 fiċ-Ċentru Parrokkjali San Sebastjan, Ħal Qormi nżammet il-Laqgħa ta' Aġġornament. Is-serata bdiet b'quddiesa ċċelebrata miċ-Chaplain Nazzjonali tal-GFN, Mons. Charles Attard. Il-kelliema mistiedna għal din is-sena kienet il-Profs. Rita Borg Xuereb u t-tema kienet "Ir-Rispett lejn il-ħajja mill-konċepiment sat-tmiem naturali tagħha." Wara kellna riċeviment soċjali bejnietna. Bħal kull sena l-attendenza kienet tajba ħafna. Ħajr lill-helpers tal-grupp GFN San Sebastjan li ppreparaw kollox fiċ-ċentru msemmi biex kollox kien lest qabel il-ħin u kollox mar tajjeb ħafna.

Werrej

Introduzzjoni		15
Messaġġ mill-Koppja President		20
Il-Messaġġ taċ-Chaplain Nazzjonali		22
Irtir Gruppi Familji Nsara		24
Għajnuna għall-animazzjoni tal-Iskemi fil-grupp		33
Skema - Jannar	Il-Familja: Pulmun tas-Soċjetà	35
Skema - Frar	Valuri u Diffikultajiet fil-Familja Llum	45
Skema - Marzu	L-Ekoloġija tal-Ġuf	51
Skema - April	Il-Familja Taf Tistrieħ Illum?	57
Skema - Mejju	Familja Miġruħa	63
Skema - Ġunju	Il-Maħfra u r-Rikonċiljazzjoni Possibbli?	69
Skema - Lulju	Iż-Żwieġ: L-Isfida taż-Żgħażagħ	73
Skema - Awwissu	Il-Familja hi Mibnija fuq il-Fedeltà għall-Wegħda tal-Imħabba	79
Skema - Settembru	L-Għożża u l-Għerf tan-Nanniet	85
Skema - Ottubru	Fejn hu Ħuk?	91
Skema - Novembru	Il-Familja – Niket u Luttu	97
Skema - Diċembru	Ngħixu l-Ferħ tal-Familja	103
Kumitat Ċentrali		108
Talba tal-Bidu		111
Talba tal-Għeluq		112


GRAZIE B.XVI

Introduzzjoni

Għeżież membri tal-Gruppi Familji Nsara.

Għandna pjaċir inqiegħdu f'idejkom dawn l-Iskemi għas-sena 2020. Dawn l-Iskemi huma frott ta' diskussjoni fil-Kummissjoni Formazzjoni fi ħdan il-Gruppi Familji Nsara kif ukoll frott ta' riflessjoni mill-membri tal-istess kummissjoni u membri oħrajn tal-Gruppi Familji Nsara li aċċettaw bil-qalb li jagħtu l-kontribut tagħhom.

Kif għadkom tiftakru, din is-sena xtaqna li intom ukoll tipparteċipaw fit-tfassil tal-iskemi u għalhekk għamilnielkom stedina biex permezz ta' survey ħafif inkunu nafu l-ħsibijiet tagħkom dwar l-andament tal-laqgħat fil-gruppi tagħkom, dwar diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom. Imma għamilnielkom stedina wkoll biex tgħidulna x'suġġetti tixtiequ għall-Iskemi 2020.

Naturalment kellna varjetà ta' ideat għal suġġetti. Il-Kummissjoni Formazzjoni analizzat dawn is-suġġerimenti tagħkom u għalhekk it-tema ġenerali se tkun: Il-Familja Nisranija fil-ħajja tal-lum. Dawn it-temi huma mibnija fuq żewġ eżortazzjonijiet tal-Papa Franġisku li huma *Laudato Si'*, *Amoris Lætitia* u diskorsi fuq il-famija mill-Papa Franġisku waqt xi Udjenzi Ġenerali tiegħu fl-2014 u fl-2015.

Minn hawn se nagħtu tagħrif qasir fuq kull tema.

F'Jannar it-tema se tkun: **Il-Familja pulmun tas-soċjetà.**
L-Eżortazzjoni Appostolika, *Familiaris Consortio* tal-Papa San Ġwanni Pawlu II tgħidilna hekk: "Il-familja, min-natura u s-sejħa tagħha, ma tingħalaqx fiha nfisha, imma waqt li titgħabba bid-dmirijiet soċjali tagħha tinfetaħ għall-familji l-oħra u għas-soċjetà. (FC 42) Dan isir: bil-ħajja tal-familja bħala ħajja ta' għaqda u tisħib, (FC 43) u bil-ħidma soċjali u politika. (FC 44)

Fi Frar se niddiskutu **l-valuri u d-diffikultajiet fil-familja tal-lum.**
Il-familja ma tgħixx f'vacuum. Għalhekk tkun affettwata minn ħafna valuri u diffikultajiet li jdawruha. Il-valuri huma: l-għaqda tal-familja Maltija, il-familja skola, il-familja bħala l-post fejn nitgħallem

nissoċjalizza, imbagħad għandna il-valuri tal-familja estiża. Id-diffikultajiet huma fost l-oħrajn: dipendenza żejda fuq il-midja soċjali, il-vizzji ta' diversi forom fil-familji tagħna, il-vjolenza domestika.

F'Marzu għandna suġġett mhux tas-soltu għaliex filwaqt li fi Frar niċċelebraw Jum il-Ħajja, ħsibna li nittrattaw is-suġġett **l-Ekoloġija tal-ġuf.** Dan is-suġġett jgħinna nirriflettu fuq il-ġuf tal-mara bħala l-post li għandu jkun imħares mhux biss minn tniġġis jew vizzji imma wkoll imħares minn istituzzjonijiet governattivi u nazzjonali.

Nafu nistrieħu illum? Din hi mistoqsija li se nippruvaw nirriflettu fuqha fl-iskema ta' April. Li nfittxu mumenti ta' mistrieħ fid-dinja tal-lum saret xi ħaġa li mhux dejjem qed tkun apprezzata. Sirna naħdmu dejjem iżjed u ħafna drabi nispiċċaw għajjenin ħafna. Mhux kulħadd sar ifittex li jkollu dik il-ġurnata ta' mistrieħ kull ġimgħa.

Il-Papa jistedinna wkoll biex inħarsu lejn ir-realtajiet ta' madwarna u fosthom naraw ir-realtà ta' **familji b'diversi ġrieħi**, ġrieħi ta' diversi għamliet. Nafu sewwa li fl-ebda storja familjari ma jonqsu l-mumenti fejn l-intimità tal-aktar relazzjonijiet għeżież ta' mħabba tisfa' mweġġgħa mill-imġiba tal-membri tagħha stess. Jiġifieri, meta fil-familja nfisha nweġġgħu lil xulxin. L-ikreh ħaġa! Dan se jkun is-suġġett tal-iskema ta' Mejju.

Sfida kbira li ħafna drabi jkollna fil-familja hi **l-maħfra** imma iktar minn hekk hija **r-rikonċiljazzjoni**, jiġifieri wara li nkunu ħfirna lil xulxin wara xi esperjenza tqila, il-pass li jmiss hu li 'nieħdu b'idejn xulxin'. Possibbli li jsir dan? Nistudjaw dan fl-iskem ta' Ġunju.

Fl-iskema ta' Lulju se nagħtu ħarsa lejn il-fatt li ħafna miż-**żgħażagħ qed jibżgħu mill-impenn ta' żwieġ dejjiemi** u għalhekk in-numru ta' żwiġijiet mhux biss bil-Knisja imma wkoll biċ-ċivil, naqsu. "Huwa fatt li n-numru tal-persuni li jiżżewġu qiegħed dejjem jonqos; dan hu fatt: iż-żgħażagħ ma jridux jiżżewġu. F'ħafna pajjiżi qed jiżdied l-għadd tas-separazzjonijiet, waqt li qed jonqos l-għadd tal-ulied. Id-diffikultà li jibqgħu flimkien - kemm bħala koppja, kemm bħala familja - qed tfarrak ir-rabtiet ta' bejniethom aktar spiss u b'mod aktar mgħaġġel, u huma sewwa sew l-ulied l-ewwel li jġorru l-konsegwenzi ta' dan." (Papa Franġisku fl-Udjenza Ġenerali tad-29 ta' April 2015)

X'għandha tkun l-identità tal-familja Nisranija? Il-karatteristika ta' kull familja Nisranija għandha tkun il-wegħda ta' fedeltà u mħabba fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, tul il-ħajja kollha tal-koppja. Hekk iwiegħdu lil xulxin koppja li se tingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ. Għalhekk f'Awwissu se nirriflettu fuq l-**Identità tal-familja mibnija fuq il-wegħda ta' fedeltà u mħabba.**

Suġġett li huwa ħafna għal qalb il-Papa huwa: **in-nanniet u l-għerf** li jġorru magħhom. Dan se narawh fl-iskema ta' Settembru. Ħafna membri tal-Gruppi Familji Nsara huma nanniet u jista' jkun ukoll li hemm xi bużnanniet. Il-Papa tkellem fuq il-progress tal-mediċina li bis-saħħa ta' hekk twalet il-ħajja, imma fl-istess ħin is-soċjetà ma wessgħetx qalbha għall-ħajja. L-għadd tal-anzjani rdoppja imma r-rispett lejhom ma mexiex bl-istess pass. Meta nkunu żgħar ma naħsbux li xi darba se naslu hemm aħna wkoll u għalhekk ninjoraw dan il-fatt. Meta mbagħad nixjieħu aħna, speċjalment jekk inkunu foqra, jekk inkunu morda u waħidna, induqu aħna stess il-lakuni ta' soċjetà programmata fuq l-effiċjenza, li konsegwentement tinjora lill-anzjani. U l-anzjani huma għana, li ma tistax tinjorahom.

Fil-Ktieb tal-Ġenesi, wara li Kajjin qatel lil ħuh Abel, il-Mulej kellem lil Kajjin u qallu, **"Fejn hu ħuk?"** Din il-mistoqsija wkoll irridu nagħmluha lilna nfusna: fejn hi l-familja ta' ħuti? Marija, fit-tieġ ta' Kana meta rat il-problema tan-nuqqas ta' nbid, ma qagħditx gallarija, jew isseksek fuq l-għarajjes, imma tat is-sehem tagħha biex tittaffa t-tbatija. U aħna? Nistgħu nagħlqu għajnejna? Nistgħu nirrassenjaw ruħna u ngħidu "ma hemmx x'tagħmel" jew "mhix biċċa tagħna"? Għalina l-aqwa li fil-familja tagħna kollox miexi sew? Din hi l-iskema ta' Ottubru.

Kif inġibu ruħna quddiem **ir-realtà tat-telfa ta' xi ħadd għażiż għalina**? Kif ħassejtek quddiem it-telfa ta' ibnek jew bintek? Kif ħassejtek quddiem it-telfa tal-għeżież ġenituri tiegħek? Ġesù wkoll ħassu jitqanqal quddiem il-mewt ta' ħabibu Lazzru u tnikket ukoll quddiem il-ġisem mejjet ta' żagħżugħ, iben uniku ta' waħda mara armla. Din hi fil-qosor l-iskema ta' Novembru.

F'Diċembru niċċelebraw il-festa solenni tat-Twelid ta' Ġesù fostna bħala bniedem. Din hi festa li tgħaqqad il-familja; festa li tgħinna **ngħixu l-ferħ tal-familja**. Dan huwa s-suġġett tal-iskema ta' Diċembru.

Jalla dawn l-iskemi jkunu għajnuna biex nikbru fil-ħajja Nisranija fil-familja. Inħeġġu lill-membri kollha tal-Gruppi Familji Nsara biex kulħadd imur ippreparat sewwa għal-laqgħat u biex kulħadd jagħti s-sehem tiegħu fid-diskussjonijiet li jsiru. Fuq kollox inħallu l-preżenza ta' Ġesù Ewkaristija biex tkun iċ-ċentru tal-ħajja tagħna fiż-żwieġ u l-familja.

Il-Kummissjoni Formazzjoni
Gruppi Familji Nsara

Skemi 2019 – Taw Sehemhom

Mons. Charles Attard, Carmel u Helen D'Amato, George u M'Louise Sammut, Godwin u Pauline Grech, Mario u Anna Zerafa, Joe u Doreen Magro, Anthony Mifsud, Seminarista Roderick Baldacchino, Godfrey Scicluna, Frans Chircop.

“Minħabba f’hekk raġel iħalli lil missieru u ’l ommu u jingħaqad ma’ martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed.”

(MT. 19:5)



Messaġġ mill-Koppja President

Il-familja għal qalb ħafna l-Papa Franġisku.

Fid-diskorsi u l-kitbiet tiegħu l-Papa Franġisku jitkellem dwar ħafna materji li jolqtu lill-bniedem, u b'mod partikolari lin-Nisrani. Ma jistax jonqos li ma jitkellimx u ma jiktibx dwar il-familja. F'April tal-2016 ġiet ippubblikata l-*Amoris Lætitia* – Il-Ferħ tal-Imħabba, Eżortazzjoni Appostolika ta' wara s-Sinodu li kien tlaqqa' mill-Papa f'Ottubru tal-2015 biex tiġi diskussa l-familja.

Fl-10 ta' Diċembru 2014, il-Papa jibda sensiela twila ta' diskorsi qosra msejħa katekeżi, dwar il-familja, waqt l-Udjenzi Ġenerali tal-Erbgħa. Fihom il-Papa jagħti ħarsa lejn il-familja minn angoli differenti, tista' tgħid minn kull angolu possibbli. F'dawn il-katekeżi jitkellem, ngħidu aħna, dwar il-familja u l-mard, dwar in-nanniet, dwar il-fedeltà u l-imħabba, dwar l-ulied, l-aħwa, iż-żwieġ u oħrajn.

Bħala suġġett għall-Iskemi 2020 intgħażlu proprju wħud mit-temi li l-Papa kien tkellem dwarhom matul dawn il-katekeżi. Fuq medda ta' tnax-il skema intgħażlet firxa wiesgħa ta' temi li jolqtu sew lill-familja u s-soċjetà in ġenerali kif ukoll lill-membri partikolari. Hija t-tama tagħna li dawn it-temi jolqtu l-aspettattivi tal-membri u li jsibu fihom għajn ta' diskussjoni, riflessjoni u tagħlim. L-Iskemi għandhom iservu ta' għodda li biha l-grupp jifhem aħjar il-familja Maltija minn xiex tinsab għaddejja, is-saħħa u

d-dgħufija tagħha fis-soċjetà, u fuq kollox, x'kontribut kull wieħed u waħda minna nistgħu nagħtu biex il-familja tibqa' titgawda mis-soċjetà.

Hija wkoll it-tama tagħna li dawn l-Iskemi ma jkunux il-kaġun ta' ħolqien ta' atmosfera ta' pessimiżmu dwar il-familja u s-soċjetà. Ma jkunx ta' ġid li noqogħdu nsemmu ikrah fuq ikrah dwar il-problemi li qegħdin jiffaċċaw uħud mill-familji. Id-diskussjoni u r-riflessjoni għandhom ikunu realistiċi, imma b'daqshekk m'għandhomx għax ikunu kantaliena ta' pessimiżmu. It-tama tal-membri għandha tibqa' bla mittiefsa fil-ħniena u l-għajnuna ta' Alla, bl-interċessjoni tal-Madonna u l-qaddisin.

Fl-aħħar nett nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kummissjoni Formazzjoni u lil dawk li ħadmu biex ikollna dawn l-Iskemi.

Sliem u saħħa.
Helen u Carmel D'Amato
Koppja President
Gruppi Familji Nsara

Il-Messaġġ taċ-Chaplain Nazzjonali Mons. Charles Attard

Il-Papa San Ġwanni Pawlu II u l-Papa Franġisku tawna ħafna tagħlim fuq il-missjoni u l-vokazzjoni tal-familja Nisranija fiż-żminijiet tal-lum. Il-Papa Ġwanni Pawlu II tana żewġ dokumenti importanti: l-Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* u l-Ittra lill-Familji. Dawn minbarra s-serje twila ta' Udjenzi Ġenerali fuq it-Teoloġija tal-Ġisem.

Papa Franġisku wkoll nieda żewġ sinodi fuq il-familja li mbagħad ġabarhom f'dokument wieħed: L-Eżortazzjoni *Amoris Lætitia*, dokument li taqrah kemm taqrah dejjem se ssib xi ħaġa ġdida. Franġisku wkoll tana serje twila ta' Udjenzi Ġenerali fuq il-familja.

Qed nikteb dan il-messaġġ filwaqt li nkunu qed nippreparaw biex is-sena li ġejja niċċelebraw il-50 sena mit-twaqqif tal-Gruppi Familji Nsara (GFN). Ix-xewqa tiegħi hi li filwaqt li naraw minn fejn tlaqna 50 sena ilu, il-vjaġġ li għamel dan il-Moviment b'risq iż-żwieġ u l-familja Nisranija f'Malta, naraw ukoll fiex qegħdin: jekk hix taħkimna l-għejja, jekk aħniex qed niġġeddu, naraw jekk aħniex komdi fil-grupp tagħna, naraw jekk aħniex nieħdu s-sejħa li għamlilna Ġwanni Pawlu II fil-bidu tal-millenju biex "naqdfu 'l barra fil-fond" u nistiednu koppji oħrajn biex jissieħbu fil-GFN.

Qed nikteb dan, għaliex jekk ma jkollniex l-enerġija li kellha l-Familja Mqaddsa, se nispiċċaw biex il-GFN imutu mewta naturali. Ma rridx nidher fatalista jew negattiv imma l-fatti jagħtuna din l-istampa. Nistaqsi: matul dawn l-aħħar snin, sar xi sforz biex inħajru koppji oħra biex jingħaqdu fil-GFN?

Nistieden lil kull grupp li għandna fi ħdan il-GFN biex nerġgħu naqbdu d-dokument, 'Il-Familja ta' Nazaret, mudell għall-Gruppi Familji Nsara' ta' Dun Anton Abela. Dan id-dokument ipoġġi quddiema diversi sejħat li jeħtieġ ngħixuhom bħala koppji miżżewġin.

L-ewwel sejħa hi li nkunu dixxipli ta' Ġesù. Dan ifisser li biex bħala membri tal-GFN inkunu kapaċi nagħmlu l-għażliet it-tajba, irridu l-ewwel nitwaħħdu ma' Ġesù f'ħajjitna. Meta ngħinu lill-koppji membri fi ħdan il-GFN jitwaħħdu ma' Ġesù, inkunu qed

ngħinuhom ukoll biex fuq kollox l-għażliet tagħhom jagħmluhom skont it-tagħlim ta' Kristu mwassal lilna mill-Knisja.

Marbuta ma' dan imbagħad, hemm is-sejħa l-oħra: li nkunu preżenza attiva fil-komunità li fiha ngħixu. Issa biex jirnexxilna nagħmlu dan, irridu nkunu attenti għal dak li qed iseħħ madwarna.

Fuq din it-tieni sejħa, hawn nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għal dawk il-membri fil-GFN li huma tassew preżenza attiva fil-komunità bis-sehem li jagħtu fil-ħajja tal-parroċċa, fil-liturġija, fil-kummissjoni familja, fil-korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ, fid-djakonija.

Is-sejħa tiegħi hi li tkunu xhieda tal-imħabba ta' Alla fid-dinja biex kull min jiltaqa' magħkom, jara fikom dixxipli tal-Mulej. Fil-kuntatti li jkollkom ma' koppji oħrajn, tiddejqux issemulhom il-Gruppi Familji Nsara.

Nelson Mandela, li kien President tal-Afrika ta' Isfel u li għamel żmien twil fil-ħabs, darba qal, "jekk it-tajjeb jagħlaq ħalqu, il-ħażin jikber."

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi b'dak li kiteb il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra li bagħat lill-Familji tad-dinja, *Gratissimam sane* fit-2 ta' Frar 1994. Il-Papa kiteb hekk (Para. 18):

"Għeżież ħuti, miżżewġin u ġenituri, l-Għarus hu magħkom. Kunu afu li hu r-Ragħaj it-tajjeb u intom tagħrfu leħnu. Kunu afu fejn qed jeħodkom, kif qed jitħabat biex isibilkom mergħat tajba fejn issibu l-ħajja u ħajja bil-kotra, kunu afu kif jiqfilhom lill-ilpup ħattafa biex jaħtfilhom minn ħalqhom in-nagħaġ tiegħu: kull raġel miżżewweġ u kull mara miżżewġa, kull iben u kull bint, kull membru tal-familja tagħkom. Tafu li hu, ir-ragħaj it-tajjeb, lest biex jagħti ħajtu għall-merħla tiegħu. (Ara Ġw. 10:11) Hu jmexxikom minn mogħdijiet li mhumiex il-mogħdijiet iebsa biex tgħaddi minnhom u mimlijin theddid, il-mogħdijiet tal-ħafna ideoloġiji ta' żminijietna; itenni għad-dinja tal-lum il-verità kollha kemm hi kif tenniha lill-Fariżej jew kif ħabbarha lill-Appostli, li mbagħad xandruha fid-dinja u ħabbruha lin-nies ta' żmienhom, Lhud u Griegi. Id-dixxipli kienu jafu sewwa li Kristu ġedded kollox; li l-bniedem sar "ħolqien ġdid", mhux aktar Lhudi jew Grieg, ilsir jew ħieles, raġel jew mara, iżda "wieħed" fih (ara Gal. 3:28), imżejjen bid-dinjità ta' iben adottiv ta' Alla. Nhar Għid il-Ħamsin dan il-bniedem irċieva l-Ispirtu Paraklitu, l-Ispirtu tal-Verità: u hekk kellu bidu l-Poplu ġdid ta' Alla, il-Knisja, it-tħabbira ta' smewwiet ġodda u art ġdida. (Ara Apok. 21:1)

Il-Mulej iberikkom.
Mons. Charles Attard
Chaplain Nazzjonali – Gruppi Familji Nsara



Irtir Gruppi Familji Nsara

It-Tema Prinċipali:
Il-Familja Nisranija fil-Ħajja tal-Lum

Riflessjoni fuq *Laudato Si'* u Diskorsi fuq il-familja mill-Papa Franġisku waqt l-Udjenzi Ġenerali tiegħu fl-2015.

Sessjoni 1 – It-Tgħanniqa tal-Missier

.....

Sessjoni 2 – Ir-Risposta Tagħna

.....

Skema tal-Irtir tal-Gruppi Familji Nsara

Introduzzjoni

L-isbaħ definizzjoni tas-silenzju li qatt smajt kienet din, is-silenzju huwa bħal meta tidħol f'kamra mimlija imbarazz u jkollok bżonn tieħu l-ħin biex tqiegħed kollox f'ordni. Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum faċli li fil-fond tal-qalb tagħna nħallu dak kollu li ngħaddu minnu mitfugħ hemm mingħajr ma nipproċessawh. Is-silenzju huwa dak il-ħin fejn nidħlu fil-profond tal-qalb tagħna, innaddfu, inneħħu dak li hu żejjed, biex finalment jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid. Bħal dik il-kamra li wara li tkun naddaftha kważi tkun qisha ġdida, forsi joħorġu xi dettalji li qabel ikunu moħbija bl-imbarazz. Fil-ħajja tagħna meta nieqfu nirrealizzaw il-ħafna sabiħ li hemm fina u anke dak li hemm bżonn naħdmu fuqu. Huwa mument fejn nieqfu u nirriflettu fuq il-mod ta' kif Ġesù jħares lejna bħala individwi, kif jaħdem fil-ħajja tagħna u r-risposta tagħna kif qed tkun. Nixtieq li dawn il-punti jkunu ta' għajnuna għar-riflessjoni personali tagħna. Innota li meta nieqfu ftit, nagħmlu ħin ta' skiet u riflessjoni, mill-ewwel jibdew tilgħin xaba' ħsibijiet... xi jmissni nagħmel, xi nsejt nagħmel... iżda dan jurina kemm huwa limitat il-ħin tas-skiet fil-ħajja tagħna. Dan il-proċess jitlob minna ħafna paċenzja għaliex ħafna drabi jaf inħossuna qed naħlu l-ħin, niċċassaw fil-vojt iżda wara tirrealizza, fil-ħajja ta' kuljum, li dan il-ftit ħin ta' skiet jgħinek biex tħares lejn il-ħajja, lejk innifsek, lejn ir-raġel jew il-mara tiegħek, lejn membri oħra tal-familja, lejn l-isfidi, b'mod differenti. Huwa dan l-effett tas-silenzju, u hemmhekk tirrealizza kemm l-ebda minuta, anke jekk tkun diffiċli biex toqgħod, ma tkun moħlija. Il-Mulej jinqeda bid-dgħufija tagħna biex juri l-kobor tiegħu, għaliex Hu juża d-dgħufija tagħna biex imissilna ħajjitna.

L-ewwel sessjoni
It-Tgħanniqa tal-Missier

Sa mill-bidu tal-ħolqien Alla ried ikun parti mill-istorja tal-bniedem u ma ried li fl-ebda mument jabbanduna lill-bniedem. Iżda din ix-xewqa li jkun fl-istorja tal-bniedem tapplika fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Hu jixtieq li jkun parti minn ħajjitna. Jixtieq li jkun parti mill-istorja tagħna, miż-żwieġ tagħna, mill-mumenti sbieħ u diffiċli tal-ħajja. Iżda

biex nindunaw b'dan jeħtieġ li nieqfu,
dan bħal meta tkun tgħaddi minn post ta'
kuljum mgħaġġel għax-xogħol u lanqas
biss tinduna bil-karatteristiċi li jżejnu
l-post iżda tirrealizza biss meta tgħaddi
bil-mod u toqgħod tosserva. Il-Mulej
kontinwament jaħdem fil-ħajja tagħna
għaliex hu jibqa' leali u fidil lejn il-ħolqien
tiegħu stess, iżda ħafna drabi lanqas biss
nindunaw. L-irtir huwa l-mument fejn
nieqfu mill-ġenn u nosservaw, inħarsu
bir-reqqa lejn dak kollu li s-soltu jgħaddi
u jaħarbilna. Huwa l-mument fejn inħarsu
lejn il-ġewwieni tagħna u biex nagħmlu
dan nixtieq li nħarsu lejn Salm 139:

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Inkun għadni anqas lissint il-kelma,
meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.
Dawramejt inti tħaddanni,
u tqegħedli idek fuqi.
L-għerf tiegħek tal-għaġeb,
ma nwassalx għalih;
għoli wisq, u ma nlaħħaqx miegħu.
Fejn immur 'il bogħod mill-
ispirtu tiegħek?
Jew fejn nista' naħrab minn
quddiem wiċċek?
Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int;
jekk nimtedd f'qiegħ l-art,
int hemm ukoll.
Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ,
u mmur ngħammar fi truf il-baħar,
hemm ukoll tilħaqni idek,
u taqbadni l-leminija tiegħek.
Jekk ngħid: "Ħa jaħbini d-dlam,
ħa jkunli d-dawl lejl madwari,"
anqas id-dlam ma hu mudlam;
għalik il-lejl jiddi bħan-nhar;
id-dlam bħad-dawl għalik.

Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Inroddlok ħajr,
għax b'mod tal-għaġeb għamiltni:
tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb.
Ma kienx moħbi għadmi minnek,
meta kont qiegħed insir fis-satra
u nintiseġ fil-qigħan tal-art.
Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi:
kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek;
u jiemi kienu ġa magħduda
meta ebda wieħed ma kien għad hemm.

Għarbilni, o Alla, u agħraf qalbi;
iflini, u kun af ħsibijieti.
Ara iniex miexi fi triq ħażina,
u mexxini fit-triq ta' dejjem.

Is-salmista f'dan is-salm qed jistqarr li l-Mulej jafu b'mod sħiħ u profond għaliex huwa ħolqien tiegħu u dan iġiegħlu jirrealizza kemm hu tal-għaġeb. Dan huwa l-proċess fejn is-salmista jirrealizza l-mod ta' kif il-Mulej iħares lejh, bħala l-għeżież kreatura fil-ħolqien kollu, infatti mal-ħolqien tal-bniedem jintlaħaq il-qofol tal-istorja tal-ħolqien. Il-Mulej li jafna b'mod sħiħ tant li jaf lil ruħna tajjeb, il-kliem tagħna, il-ħsibijiet, dak kollu li jagħtina identità, dak li jweġġagħna, dak li jferraħna, u jixtieq li aħna nħarsu lejna nfusna bil-mod ta' kif iħares lejna Hu, kreaturi għeżież maħluqa b'reqqa u perfezzjoni. Dan iwassal lis-salmista biex jinfexx f'għanja ta' tifħir lil Alla. Ejja aħna wkoll ninfexxu f'din l-għanja ta' tifħir, lil Alla għaliex huwa Hu li jwettaq ħwejjeġ kbar fil-ħajja tagħna.

Is-salmista f'dan is-salm joħloq l-immaġini ta' Alla li jgħannqu u li jikkonsagrah: "Dawramejt inti tħaddanni, u tqegħedli idek fuqi." (v.5) Jalla kull wieħed minna jgħaddi minn din l-esperjenza fejn iħoss it-tgħanniqa tal-Missier, li tbiddel il-mod ta' kif inħarsu lejn il-ħajja u lejna nfusna, kif ukoll lejn il-fidi. Il-fidi ma tibqax sett ta' regoli li rridu nosservaw imma ssir din il-laqgħa personali u intima mal-Missier, issir l-esperjenza ta' tgħanniqa tal-Missier. Ukoll l-immaġini tat-tqegħid tal-idejn, li mill-ewwel jeħodna lejn l-inżul tal-Ispirtu s-Santu (it-tqegħid tal-idejn fuq il-ħobż u l-inbid li jsiru l-ġisem u d-demm ta' Kristu, it-tqegħid tal-idejn fuq id-djakni u l-presbiteri waqt l-ordinazzjoni), iżda hawnhekk il-Missier iqiegħed idejh fuq il-kreatura tiegħu u jagħżlu għalih, jibagħtu mimli bl-Ispirtu tiegħu. Aħna mibgħuta fid-dinja tal-lum mimlija bl-Ispirtu tiegħu, mibgħuta f'ismu biex inxandru lilu.

Fl-aħħar ta' dan is-salm is-salmista jispiċċa b'talba, fejn jitlob lill-Missier biex jgħarbel lil qalbu u jifliha u jitolbu biex imexxih fit-triq li twasslu għall-ħajja ta' dejjem. Ejjew nagħmlu din it-talba tagħna, fejn nitolbu biex f'dan il-mument il-Mulej jgħinna biex niflu l-fond ta' qalbna, naraw x'hemm li qed jgħinna f'dan il-vjaġġ tal-ħajja tagħna u x'qed iżommna lura milli nħalluh iħaddanna miegħu.

Għar-riflessjoni personali u bħala koppja.

- Temmen tabilħaqq li Alla jafek iktar milli inti stess taf lilek innifsek?
- "Inti tqegħedli idek fuqi": aħseb fuq kemm aħna xortina tajba li Alla għażilna għalih.

It-Tieni Sessjoni
Ir-Risposta Tagħna

Kif diġà semmejna, Alla jixtieq ikun parti mill-ħajja tagħna, allura anke mill-ħajja taż-żwieġ tagħna. Papa Franġisku fl-Udjenza Ġenerali tal-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015 irrefera għall-preżenza ta' Alla fiż-żwieġ bħala dak li jwettaq miraklu kontinwu: "U l-Mulej qatt ma jasal f'familja ġdida bla ma jagħmel xi miraklu. Niftakru x'għamel fit-tieġ ta' Kana! Iva, il-Mulej, jekk nintelqu f'idejh, jagħtina li nagħmlu l-mirakli – imma dawk il-mirakli tal-ħajja ta' kuljum! – meta hemm il-Mulej preżenti, hemm, f'dik il-familja." Illum fis-soċjetà tagħna meta nisimgħu b'anniversarji ta' ħamsin jew iktar mill-ewwel nistagħġbu, għaliex verament hija grazzja, miraklu. Żwieġ ikun b'saħħtu skont kemm inħallu l-Mulej iwettaq mirakli fina u permezz tagħna bħala individwi u bħala koppja flimkien.

- Kemm nirrealizza li ż-żwieġ tiegħi huwa miraklu, grazzja minn Alla?
- Kemm inħalli lill-Mulej iwettaq fija mirakli u permezz tiegħi?

Risposta għat-tgħanniqa tal-Mulej mhijiex risposta mill-fomm 'il barra iżda dik mgħajxa ta' kuljum. Jien bil-kliem nista' ngħid ħafna xorti iżda meta niġi għall-ħajja ta' kuljum inbati biex inwettaq dak li ngħid. San Ġorġ Preca kien jgħid: "Waqt il-prova kollox!" u l-prova tal-ħajja matrimonjali tagħna llum saret kuljum. Kuljum ninsabu għaddejjin minn provi taż-żwieġ tagħna u nirbħu dawn il-provi (mard, nuqqas ta' fiduċja, problemi tat-trobbija, nuqqas ta' komunikazzjoni, ħin limitat għal xulxin, problemi finanzjarji, infertilità) jekk iż-żwieġ u l-ħajja spiritwali tagħna, ir-relazzjoni mal-Missier, tkun mibnija fuq il-blat mhux fuq ir-ramel li mal-ewwel maltemp jinġarr kollox. Ir-risposta tagħna tista' tieħu diversi forom fosthom il-fedeltà lejn xulxin. Il-Papa Franġisku jgħid hekk: "Il-fedeltà hi fiduċja li 'trid' tkun realment maqsuma, u tama li 'trid'

tkun ikkultivata flimkien... Iż-żamma talkelma mogħtija, il-fedeltà għall-wegħda, ma tistax tixtrihom jew tbigħhom. Ma tistax iżżommhom bil-forza, imma lanqas tħarishom mingħajr sagrifiċċju." (Udjenza Ġenerali 21 ta' Ottubru 2015)

- Nagħraf il-fedeltà ta' Alla lejja u li jiena wkoll imsejjaħ biex inkun fidil fl-istat tal-ħajja tiegħi?
- Kemm qed nagħmel sagrifiċċji biex nara li l-fedeltà lejn il-wegħda tibqa' ħajja għal dejjem?

Din il-fedeltà lejn xulxin mhijiex stedina biex b'xi mod ningħalqu fina nfsuna bħala familja. Infatti l-Papa Franġisku jenfasizza l-ħtieġa li l-familja tkun miftuħa għall-proxxmu ta' madwarha. Il-Papa jagħmel referenza għall-konvivjalità, il-kapaċità li ngħixu flimkien, u jirreferi lejn l-Ewkaristija bħala dik li tiġborna flimkien bħala familja waħda: "Fi żmienna, immarkat minn tant għeluq u wisq ħitan, il-konvivjalità, imnissla mill-familja u mitmugħa mill-Ewkaristija, issir opportunità kruċjali. L-Ewkaristija u l-familji mitmugħin minnha jistgħu jegħlbu l-għeluq u jibnu pontijiet ta' qlub li jilqgħu u ta' karità. Iva, l-Ewkaristija ta' Knisja ta' familji, kapaċi trodd lill-komunità l-ħmira bieżla tal-konvivjalità u tal-ospitalità reċiproka, hi skola ta' inklużjoni umana li ma tibżax mill-konfrontazzjonijiet! M'hemmx ċkejknin, iltiema, dgħajfa, bla difiża, miġruħa u deluži, qalbhom maqtugħa u abbandunati, li l-konvivjalità Ewkaristika tal-familji ma tistax titmagħhom, tirrestawrahom, tħarishom u tilqagħhom." (Udjenza Ġenerali tal-Papa nhar il-11 ta' Novembru 2015) Il-familja mhijiex imsejħa biex tkun nukleu magħluqa fiha nfisha iżda hija msejħa biex toħloq spazju adegwat għal kulħadd, hu min hu. Il-ftuħ tal-familja għal Alla biex iwettaq il-mirakli fil-ħajja tagħhom, trid tkun riflessa fil-ftuħ għal kull persuna umana. Familja ma tista' tkun qatt miftuħa għal ħidma ta' Alla fil-ħajja matrimonjali u mbagħad tkun magħluqa għall-emarġinat u l-imwarrab. Dan kollu jista' jsir meta niġu flimkien mal-mejda tal-Ewkaristija. F'din il-laqgħa mill-iktar diretta u reali ma' Ġesù preżenti quddiemna fil-ħobż u l-inbid, niltaqgħu ma' xulxin, niltaqgħu mal-karba u l-ferħ ta' ħutna. Aħna lkoll imsejħin biex din it-tgħanniqa tal-Missier inwassluha lil kull persuna, għaliex din it-tgħanniqa hija miftuħa għall-umanità



“Kuljum ninsabu għaddejjin minn provi taż-żwieġ tagħna u nirbħu dawn il-provi jekk iż-żwieġ u l-ħajja spiritwali tagħna, ir-relazzjoni mal-Missier, tkun mibnija fuq il-blat mhux fuq ir-ramel li mal-ewwel maltemp jinġarr kollox.”

maħmuġa, midruba u mweġġgħa iżda li permezz tagħha twassal għall-fejqan. Aħna msejħin biex inkunu xandara tat-tgħanniqa u l-imħabba tal-Missier lejn kull bniedem, lejn kull familja.

- Kemm jien miftuħ għal kull persuna li niltaqa' magħha ta' kuljum ?
- Kemm nagħraf li l-Ewkaristija hija l-mejda li tiġborna flimkien bħal aħwa? Kemm ninvesti fil-komunità Nisranija li jiena parti minnha? Nagħti sehem fil-binja ta' komunità aktar b'saħħitha u awtentika fil-fidi li tħaddan?
- Fuq livell soċjali, jiena xhud tal-għażla ta' Kristu f'ħajti, jew nifred bejn it-twemmin Nisrani tiegħi u dak li nemmen vis-à-vis is-soċjetà u t-tmexxija tagħha (il-politika, ekonomija, diskussjonijiet soċjali, eċċ.)
- Kemm jien xhud tal-imħabba tal-Missier lejn kull bniedem?

"Ix-xhieda l-aktar persważiva tal-barka taż-żwieġ Nisrani hi l-ħajja tajba tal-miżżewġin Insara u tal-familja. M'hemmx mod aħjar kif ngħidu kemm hu sabiħ dan is-sagrament!" (Udjenza Ġenrali fid-29 t'April 2015) Filwaqt li aħna msejħin biex inkunu xhieda tal-imħabba tal-Missier, bħala koppji msejħin biex inkunu xhieda tal-ferħ tal-għażla tagħna li nkunu ta' xulxin għal dejjem. Iż-żgħażagħ, xi ħaġa li ddejjaqhom u totalment tiġbidhom lil hinn, hija l-medjokrità u l-apatija. Fina bħala miżżewġin jeħtieġ li jaraw il-ħeġġa li ta' kuljum, bl-isfidi li jiġu quddiemna, inkomplu nħobbu lil xulxin b'fedeltà assoluta. Fina jridu jaraw il-ferħ ta' ħajja miżżewġa, ta' ħajja mogħtija għal xulxin. Illum ħafna jagħżlu li jgħixu flimkien bħal koppja miżżewġa iżda qatt ma jagħmlu l-pass li jdaħħlu fir-relazzjoni ta' bejniethom lil Alla. Fina bħala koppji li ta' kuljum qegħdin ngħixu s-sejħa taż-żwieġ Nisrani, jridu jaraw il-ferħ ta' xi ħadd li ħalla lil Alla jaħdem fir-relazzjoni ta' bejnietna.

It-tema tal-ferħ hija importanti ferm għal dan il-Papa, infatti l-ewwel kitba tiegħu semmieha: 'Il-Ferħ tal-Evanġelju', għaliex hu finalment Ġesù, dak li ġie jwassal Bxara Tajba, li twassal għall-ferħ ġenwin. Aħna bħala Nsara msejħin biex inkunu xhieda tal-ferħ li joħroġ mil-laqgħa personali u intima ma' Ġesù u bħala koppji aħna msejħin biex inkunu xhieda

tal-ferħ li huwa riżultat ta' nies li jagħżlu li jibnu l-ħajja matrimonjali tagħhom fuq il-blat, fuq din it-tgħanniqa tal-Missier li jgħadduha lil xulxin fiż-żwieġ kif ukoll lill-komunità Nisranija madwar il-mejda tal-Ewkaristija. Ejjew nieħdu l-istedina tal-Papa Franġisku u nattwawha fil-ħajja tagħna u nwassluha ma' kull min niltaqgħu:

"Għeżież ħuti, ejjew ma nibżgħux nistiednu lil Ġesù għall-festa tat-tieġ, nistednuh id-dar tagħna, biex ikun magħna u jħares il-familja tagħna. U ma nibżgħux nistiednu anke lil Ommu Marija! L-Insara, meta jiżżewġu "fil-Mulej", jinbidlu f'sinjal effikaċi tal-imħabba ta' Alla. L-Insara ma jiżżewġux biss għalihom infushom: jiżżewġu fil-Mulej għall-ġid tal-komunità kollha, tas-soċjetà kollha kemm hi." (Papa Franġisku fl-Udjenza Ġenerali tad-29 t'April 2015)

Punti għar-riflessjoni

- X'taħseb li jagħmel koppja miżżewġa ferħana?
- Nirriflettu fuq dan il-każ:

Waħda mara għaddiet minn esperjenzi li bilkemm temminhom. L-ewwel raġel tagħha miet meta hi bilkemm kellha tnejn u għoxrin sena; bintha mietet f'inċident tat-traffiku; binha miet bil-leukemia. Reġgħet iżżewġet. It-tieni raġel tagħha wkoll miet bil-leukemia.

Aktarx li inti u taqra, taħseb li din il-mara rabbiet rabja kbira għal Alla u għall-Knisja... li qatgħet mill-quddiesa... li ma riedet taf b'xejn iktar. Imma le. Baqgħet tiġi għall-quddiesa kull nhar ta' Ħadd. Darba qalet, "Dak hu li Alla ppjana għalija. Ma nistax nifhem kif u għaliex imma jiena m'iniex Alla. Hu jaf x'inhu l-aħjar għalija!" Mill-ewwel daqqa t'għajn aħna naħsbu li dan huwa każ esaġerat. Irridu nifhmu li wieħed mid-doni tal-Ispirtu s-Santu huwa d-don tal-qawwa.

- Żgur li kellna mumenti ta' prova fil-ħajja taż-żwieġ u tal-familja tagħna. Kif ġibna ruħna?

Għajnuna għall-animazzjoni tal-Iskemi fil-grupp

Talba tal-Bidu (ara paġna 111)

Qari u diskussjoni dwar it-tema tax-xahar

Inħeġġu l-koppja mexxejja biex tippjana l-laqgħa minn qabel u tieħu ħsieb biex ikollhom il-faċilitajiet neċessarji biex il-laqgħa tkun animata mill-aħjar possibbli.

Il-laqgħa tista' tieħu forom differenti. Per eżempju, l-ewwel jinqara t-test preżentat fl-iskemi u wara ssir diskussjoni, jew, issir diskussjoni waqt li qed jinqara t-test tal-iskema. Inħeġġu l-membri kollha biex jieħdu ħsieb żgħir magħhom id-dar u jippruvaw jgħixuh matul dak ix-xahar.

Talb spontanju quddiem Ġesù Ewkaristija

Il-ħin ta' ġabra u talb fil-grupp hu ħin importanti ħafna fil-laqgħa tal-grupp, u hu propost li nagħmluh f'kull laqgħa fil-preżenza ta' Ġesù Ewkaristija. L-Ewkaristija għandha titwassal mis-Saċerdot f'teka, titqiegħed fuq terħa filwaqt li tinxtegħel xemgħa. Għandna nagħtu importanza lis-skiet, l-adorazzjoni u t-talb spontanju minn dawk preżenti. Wara, jekk is-saċerdot ma jkunx ser jieħu lura lil Ġesù fil-knisja, l-aħjar li nistiednu lil dawk li ma jkunux tqarbnu matul il-jum biex jirċievu l-ġisem ta' Ġesù.

Talba tal-Għeluq (ara paġna 112)

Skema - Jannar 2020
Il-Familja: Pulmun tas-Soċjetà

L-ġisem tal-bniedem huwa magħmul minn ħafna organi u kull organu għandu l-importanza tiegħu. Organu speċjali fil-ġisem huwa l-pulmun. Ix-xogħol tiegħu huwa li jipproċessa n-nifs li nieħdu.

Il-familja hija l-pulmun ta' kull soċjetà u dan jagħtihulna l-Papa Franġisku fl-Enċiklika tiegħu *Laudato Si'* ("Tkun Imfaħħar" dwar l-Għożża tad-Dar Komuni, li ħareġ fl-24 ta' Mejju 2015.

"Imma nixtieq nisħaq fuq l-importanza ċentrali tal-familja, għax "hi post fejn il-ħajja – li hi don ta' Alla – tiġi milqugħa sewwa, u mħarsa minn kull theddida li jista' jkollha u tiżviluppa skont dak li hu tassew il-kobor tal-bniedem. Quddiem dik li qiegħda tissejjaħ il-kultura tal-mewt, il-familja hi l-qalba tal-kultura tal-ħajja." Fi ħdan il-familja jixxettlu l-ewwel drawwiet ta' mħabba u għożża għall-ħajja, bħal ngħidu aħna l-użu tajjeb tal-affarijiet, l-ordni u l-indafa, ir-rispett lejn l-ekosistema lokali u l-ħarsien tal-ħlejjaq kollha. Il-familja hi l-imkien tal-formazzjoni sħiħa tal-bniedem, fejn isseħħ il-maturazzjoni personali finnisġa tad-diversi aspetti tagħha li kollha jintrabtu ma' xulxin. Fil-familja nitgħallmu nitolbu permess bla ma nkunu arroganti, illissnu "grazzi" bħala espressjoni ta' apprezzament sinċier għal dak li nirċievu, naħkmu fuq l-aggressività u r-regħba tagħna, u nitolbu skuża meta nagħmlu xi ħaġa ħażina. Dawn il-ġesti ċkejknin ta' edukazzjoni u ħlewwa sinċiera jgħinuna nibnu kultura tal-ħajja li ngħixuha mal-oħrajn u ta' rispett għal kulma għandna madwarna." (LS 213)

Dan il-paragrafu jisħaq fuq dawn il-punti li jispjegaw għaliex il-familja hija l-pulmun tas-soċjetà:

- Għaliex hi l-post fejn il-ħajja tiġi milqugħa sewwa u mħarsa.
- Għaliex il-familja hi l-post fejn jixxettlu l-ewwel drawwiet ta' mħabba u għożża għall-ħajja.
- Għaliex il-familja hi l-post tal-formazzjoni sħiħa tal-bniedem.
- Fil-familja nitgħallmu nitolbu permess bla ma nkunu arroganti.
- Illissnu "grazzi" bħala espressjoni ta' apprezzament sinċier għal dak li nirċievu.
- Nitolbu skuża meta nagħmlu xi ħaġa ħażina.

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Mill-Ktieb ta' Bin Sirak (Sir. 17:1-14) naraw kif Alla ta lill-bniedem il-ħiliet kollha possibbli biex jiżviluppa l-ħolqien kollu b'mod tajjeb u skont ir-rieda tiegħu. Naqraw din is-silta u wara kulħadd huwa mistieden biex jagħmel ir-riflessjoni personali tiegħu.

[1]Il-Mulej ħalaq il-bniedem mill-art, u mill-ġdid reġġgħu lura lejha. [2]Tahom żmien u jiem magħduda, u tahom setgħa fuq kulma hawn fuq l-art. [3]Libbishom b'saħħa tixbah lil tiegħu, u għamilhom skont xbihatu. [4]Nissel f'kull ħlejqa l-biża' tagħhom, u tahom is-setgħa fuq it-tajr u l-bhejjem.

[5]Irċevew l-użu ta' ħames ħidmiet tal-Mulej, qassmilhom id-don tal-moħħ bħala s-sitt wieħed, u bħala s-seba' r-raġuni għat-tifsir tal-ħidmiet tiegħu. [6]Tahom ir-raġuni, l-ilsien u l-għajnejn, u wkoll il-widnejn u moħħ biex jaħsbu. [7]Tahom is-setgħa li jitgħallmu u jifhmu, u wriehom x'inhu t-tajjeb u l-ħażin. [8]Żamm għajnejh fuq qlubhom, biex jurihom l-għemejjel tal-għaġeb tiegħu. [9]U tahom li jiftaħru bl-għeġubijiet għal dejjem tiegħu. [10]U huma jfaħħru ismu l-qaddis, u hekk ixandru l-għemejjel tal-għaġeb tiegħu. [11]Qegħdilhom quddiemhom it-tagħlim, u tahom b'sehemhom il-liġi tal-ħajja. [12]Għamel magħhom patt għal dejjem u wriehom x'inhu l-ħaqq tiegħu. [13]Raw b'għajnejhom il-kobor tal-glorja tiegħu, u semgħu b'widnejhom il-leħen glorjuż tiegħu. [14]U wissiehom: "Ħarsu rwieħkom minn kull ħażen." U lil kull wieħed tah kmandament dwar il-proxxmu tiegħu.

Għajnuna għar-Riflessjoni:

- Irċevew l-użu ta' ħames ħidmiet tal-Mulej.
- Tahom ir-raġuni, l-ilsien u l-għajnejn, u wkoll il-widnejn u moħħ biex jaħsbu.
- Tahom is-setgħa li jitgħallmu u jifhmu, u wriehom x'inhu t-tajjeb u l-ħażin.
- Żamm għajnejh fuq qlubhom.
- Qegħdilhom quddiemhom it-tagħlim, u tahom b'sehemhom il-liġi tal-ħajja.
- U wissiehom: "Ħarsu rwieħkom minn kull ħażen."

Il-Familja, kif tista' tkun il-Pulmun tas-Soċjetà?

L-Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* tal-Papa San Ġwanni Pawlu II (22 ta' Novembru 1981) tgħidilna hekk: "il-familja, min-natura u s-sejħa tagħha,

ma tingħalaqx fiha nfisha, imma waqt li titgħabba bid-dmirijiet soċjali tagħha tinfetaħ għall-familji l-oħra u għas-soċjetà." (FC 42) Dan isir:

- Bil-ħajja tal-familja bħala ħajja ta' għaqda u tisħib. (FC 43)
- Bil-ħidma soċjali u politika. (FC 44)

(Dawn iż-żewġ paragrafi jinsabu f'Appendiċi 1 paġni 40-41 ta' dawn l-iskemi.)

Diskussjoni: X'hemm bżonn biex dan il-pulmun ma jiġrilux ħsara?

It-tniġġis fl-arja, it-tipjip u affarijiet tossiċi oħra huma fost dawk li jikkawżaw ħsara lill-pulmun u għalhekk li jittieħdu prekawzjonijiet biex titnaqqas kemm tista' l-ħsara. Il-ħsara li kontinwament qed issir lill-ħolqien speċjalment bil-ħsara kbira fil-foresti li huma meqjusa bħala l-pulmun tad-dinja qed ikollha effett kbir fuq il-ħajja tal-bniedem.

- Għalhekk x'naħsbu li qed jagħmel ħsara lill-pulmun tas-soċjetà, il-familja?
- Min hu responsabbli għall-ħarsien tal-familja bħala l-pulmun tas-soċjetà?
- X'inhu s-sehem tal-istat għall-ħarsien tal-familja? (FC 46. Ara Appendiċi 2 f'paġna 42 ta' dawn l-iskemi.)
- X'għandu jkun is-sehem tal-Knisja għall-ħarsien tal-familja?
- X'inhu s-sehem tagħna bħala membri tal-Gruppi Familji Nsara biex inħarsu l-familja tagħna u tal-oħrajn?
- X'għajnuna jagħtina Alla għall-ħarsien tal-familja Nisranija? (FC 47. Ara Appendiċi 2, paġna 44)

Talb fis-skiet fil-preżenza ta' Ġesù

- Nitolbu għall-familji fejn hemm il-mard.
- Nitolbu għall-familji fejn hemm il-vizzju tad-droga, l-alkoħol u vizzji oħra.
- Nitolbu għall-familji fejn hemm il-vjolenza u l-abbuż.
- Nitolbu għall-familji fejn hemm il-faqar.

"Il-familja hija l-pulmun ta' kull soċjetà u dan jagħtihulna l-Papa Franġisku fl-Enċiklika tiegħu *Laudato Si'*."

Appendiċi 1: Paragrafi 43 u 44 mill-*Familiaris Consortio*.

43. Il-ħajja tal-familja bħala ħajja ta' għaqda u tisħib

L-għaqda u t-tisħib li għandna nsibu dejjem fil-ħajja ta' kuljum tal-familja huma l-ewwel u l-aqwa ħaġa, il-ħaġa ewlenija, li l-familja tagħti lis-soċjetà.

Ir-relazzjoni ma' xulxin tal-membri tal-familja huma relazzjonijiet li jibdew u jitmexxew skont ir-regola, hekk imsejħa, tal-"gratwità", jiġifieri kulma jsir bejn il-membri tal-familja, ma jsirx għall-ħlas jew għall-interess, imma mill-qalb. Din ir-regola tirrispetta u ġġib 'l quddiem id-dinjità ta' kulħadd u ta' kull wieħed bħala persuna u tqis is-siwi ta' kull wieħed u ta' kulħadd biss minn din id-dinjità: dan juri ruħu bil-mod kif il-membri tal-familja jilqgħu 'l xulxin bil-qalb, kif jiltaqgħu u jitħaddtu ma' xulxin, kif iħobbu 'l xulxin bla ebda ħsieb ta' qligħ jew interessi, kif jaqdu 'l xulxin bil-ġenerożità kollha, u kif ikunu qalb waħda bejniethom.

Meta fil-familja din l-għaqda vera bejn il-membri tal-familja timxi 'l quddiem u tikber dejjem, ikun hemm tassew l-ewwel skola ta' ħajja fis soċjetà li ma hemmx oħra bħalha, skola li tkun ta' eżempju u tħajjar biex jitjiebu dejjem aktar fis soċjetà r-relazzjonijiet bejn in-nies, relazzjonijiet kollha rispett, ġustizzja, djalogu u mħabba.

B'dan il-mod, kif fakkru l-isqfijiet tas-Sinodu, il-familja tkun il-post li minnu tibda ħidma li twassal lis-soċjetà biex tkun aktar tixraq lill-bniedem u tħares id-dinjità tal-persuna tiegħu; u tkun ukoll strument mill-aqwa għal din il-ħidma. Il-familja tagħti sehem qawwi u speċjali għall-bini tad-dinja, meta tagħmel dak li hu meħtieġ biex il-ħajja fi ħdanha tkun tassew tixraq lill-bniedem, u dan speċjalment billi tħares u twassal lil kulħadd il-virtujiet u l-"valuri" tagħhom. Kif jikteb il-Konċilju Vatikan II, fil-familja "persuni, ta' etajiet differenti, jiltaqgħu ma' xulxin u jgħinu 'l xulxin biex jikbru u jiksbu dejjem aktar l-għerf tal-bnedmin u jitgħallmu jħarsu d-drittijiet personali tagħhom mingħajr ma jonqsu minn dak li titlob minnhom il-ħajja fis-soċjetà." (*Gaudium et Spes*, 52)

Is-soċjetà llum, dejjem aktar qiegħda tissogra titlef il-personalità tagħha u ssir biss folla kbira ta' nies bla ebda rabta bejniethom, u għalhekk qiegħda ssir dejjem aktar ma tixraqx lill-bniedem u qiegħda dejjem aktar ittellef lill-bniedem

id-dinjità tiegħu, ħaġa li ġġib magħha ħafna konsegwenzi ħżiena ta' "evażjoni" bħalma huma s-sokor, id-droga, u l-istess terroriżmu. Iżda, minkejja dan, il-familja għad għandha u għad tista' turi enerġija tassew tal-għaġeb u qawwa liema bħala, biex teħles il-bniedem minn qagħda li fiha hu stess ma jafx min hu fih innifsu, u ġġiegħlu jagħraf li għandu d-dinjità tiegħu personali ta' bniedem li hu, tagħnih b'sentimenti għoljin li tassew jixirqulu, u twasslu biex jissieħeb fin-nisġa kollha tal-ħajja tas-soċjetà kif inhu fih innifsu, b'dak kollu li għandu u li għamlu dak li hu u mhux ħaddieħor.

44. Ħidma soċjali u politika

Il-ħidma soċjali tal-familja mhijiex biss it-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied, ukoll jekk dan hu l-ewwel mod li bih il-familja turi ruħha.

Il-familji, sew jekk kull waħda għal rasha sew jekk kollha flimkien, jistgħu u għandhom jagħtu ruħhom għal ħafna ħidmiet ta' servizz soċjali, speċjalment a favur tal-foqra jew almenu favur dawk in-nies u dawk il-każijiet li s-servizzi soċjali u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż ma jirnexxilhomx jilħquhom.

Dak li l-familja tagħti lis-soċjetà għandu s-sura proprja tiegħu, u jeħtieġ ikun iktar magħruf u miġjub 'il quddiem aktar bis-sħiħ, l-aktar meta t-tfal jibdew jikbru; il-membri kollha tal-familja, kemm jista' jkun għandhom jagħtu sehemhom f'dan il-qasam. (*Apostolicam Actuositatem*, 11)

B'mod speċjali ta' min isemmi l-importanza li qiegħda tikseb dejjem aktar fis-soċjetà tal-lum l-ospitalità, fis-suriet kollha tagħha, sew jekk tiftaħ darek, u wisq aktar qalbek, għall-ħtiġijiet tal-aħwa, u sew jekk tħabrek b'mod konkret biex kull familja jkollha d-dar tagħha, bħala l-ambjent naturali fejn tkun imħarsa u fejn tikber. Il-familja Nisranija, qabel kull familja oħra, hi msejħa biex twieġeb għat-twissija tal-Appostlu San Pawl: "Ilqgħu f'darkom il-barranin." (Rum. 12:13) B'hekk il-familja tkun tixbah 'il Kristu u tissieħeb fl-imħabba tiegħu meta tilqa' għandha l-aħwa fil-bżonn: "Kull min jagħti mqar tazza ilma friska lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom, li ma jitlifx il-ħlas tiegħu." (Mt. 10:42)

Il-ħidma tal-familja fis-soċjetà tista' turi ruħha wkoll b'parteċipazzjoni fil-politika: jiġifieri, il-familji għandhom

ikunu l-ewwel li jħabirku biex il-liġijiet u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż mhux biss ma jmorrux kontra, imma wkoll isostnu u jiddefendu bil-qawwa kollha, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-familji. B'hekk il-familji jaslu biex jagħrfu li għandhom ikunu "protagonisti" ta' dik li hi magħrufa bħala "il-politika tal-familja" u jieħdu fuqhom ir-responsabbiltà li jbiddlu għat-tajjeb lis-soċjetà: inkella l-familji jkunu huma l-ewwel vittmi ta' dik il-ħsara kollha li dwarha ma jkunu għamlu xejn ħlief ħarsu lejha qisu ma jimpurtahom xejn minnha. Is-sejħa tal-Konċilju Vatikan II biex tintrebaħ l-etika individwalista tgħodd ukoll għall-familja bħala familja. (*Gaudium et Spes*, 30)

Appendiċi 2: Paragrafi 46 u 47 tal-*Familiaris Consortio*

46. Dokument tad-drittijiet tal-familja

L-ideal li l-familja u s-soċjetà jaħdmu id f'id biex jgħinu 'l xulxin ħa jiżviluppaw flimkien, ta' spiss ma jaqbilx ma' fatti, xi kultant tassew serji, li juru li l-familja u s-soċjetà huma mifrudin, meta ma jurux ukoll li huma kontra xulxin.

Fil-fatt, u s-Sinodu kkundanna dan bla heda, il-qagħda ta' tant u tant familji f'ħafna pajjiżi, hija mimlija b'diffikultajiet, meta mhijiex ukoll qagħda ta' min jistmerrha. F'bosta pajjiżi tiltaqa' ma' istituzzjonijiet u liġijiet li inġustament jinjoraw id-drittijiet tal-familja, tal-persuna tal-bniedem, jeddijiet li ma għandhom jiġu mimsusa minn ħadd; u s-soċjetà flok taqdi l-familja, tasal biex theddidha bi vjolenza kbira proprju fil-valuri u l-ħtiġijiet l-aktar fundamentali tagħha. B'hekk il-familja, li fil-ħsieb ta' Alla hi ċellula li hi l-pedament tas-soċjetà, bi drittijiet u dmirijiet li jiġu qabel dawk tal-istat u ta' kull komunità oħra, hi liema hi, issib ruħha vittma tas-soċjetà, tat-tul taż-żmien u tal-lajma li bihom is-soċjetà tagħti l-għajnuna tagħha, u aktar u aktar tal-inġustizzji li s-soċjetà tagħmel bid-dieher.

Għalhekk il-Knisja tiddefendi fil-miftuħ u bil-qawwa kollha d-drittijiet tal-familja kontra kull abbuż mis-soċjetà u mill-istat, abbuż li ma għandu jagħmlu ħadd. B'mod partikulari, l-isqfijiet fis-Sinodu fakkru dawn id-drittijiet tal-familja, fost oħrajn:

– id-dritt li teżisti u timxi 'l quddiem bħala familja, jiġifieri d-dritt ta' kull bniedem, u l-aktar jekk hu fqir, li jkollu familja u jkollu l-mezzi kollha meħtieġa biex iżommha;
– id-dritt li taqdi d-dmir li tnissel l-ulied u tedukahom;
– id-dritt għall-intimità tal-ħajja taż-żwieġ u tal-familja;
– id-dritt għall-istabbiltà tar-rabta u tal-istituzzjoni taż-żwieġ;
– id-dritt li temmen u tistqarr il-fidi tagħha u xxandarha;
– id-dritt li trabbi l-ulied skont it-tradizzjonijiet u l-valuri reliġjuzi u kulturali tagħha, permezz tal-istrumenti, il-mezzi u l-istituzzjonijiet kollha meħtieġa;
– id-dritt li jkollha sigurtà fiżika, soċjali, politika, ekonomika, u dan speċjalment fejn hemm il-fqar u l-morda;
– id-dritt għal dar xierqa biex wieħed jgħix fiha l-ħajja tal-familja b'mod deċenti;
– id-dritt li turi fehmitha u d-dritt li tkun rappreżentata quddiem l-awtoritajiet pubbliċi ekonomiċi, soċjali u kulturali, u quddiem awtoritajiet oħra inqas minn dawn; u dan kemm direttament u kemm permezz ta' għaqdiet u assoċjazzjonijiet;

- id-dritt li twaqqaf għaqdiet ma' familji oħrajn, u istituzzjonijiet, biex taqdi l-ħidma proprja tagħha b'mod xieraq u malajr;
- id-dritt li tħares lil dawk li huma taħt l-età permezz ta' istituzzjonijiet adattati u ta' liġijiet li jħarsuhom mid-drogi, mill-pornografija, mis-sokor, u l-bqija;
- id-dritt għal rikreazzjoni onesta li ġġib 'il quddiem il-valuri tal-familja;
- id-dritt tax-xjuħ għal ħajja u għal mewt li tixraq id-dinjità tagħhom bħala persuni;
- id-dritt li tmur pajjiż ieħor bħala familja biex issib ħajja aħjar.

47. Il-grazzja u r-responsabbiltà tal-familja Nisranija

Id-dmir soċjali proprju ta' kull familja hu dmir li jappartjeni lill-familja Nisranija b'mod ġdid u naturali, li bħala pedament għandha s-sagrament taż-żwieġ. Is-sagrament taż-żwieġ iħaddan dak kollu li tfisser u ġġib magħha l-imħabba tal-miżżewġin bħala persuni bir-ruħ u l-ġisem, iżda s-sagrament, lill-miżżewġin u lill-ġenituri Nsara jagħtihom ukoll qawwa u jimpenjahom biex jgħixu l-vokazzjoni tagħhom ta' lajċi, u għalhekk biex "ifittxu s-Saltna ta' Alla huma u jaqdu l-ħidma tagħhom fid-dinja skont ir-rieda ta' Alla." (*Lumen Gentium*, 31)

Il-ħidma soċjali u politika tal-familja ssir parti minn dik il-missjoni regali jew ta' qadi, li fiha jissieħbu l-miżżewġin Insara bis-saħħa tas-sagrament, huma u jirċievu, fl-istess waqt, kmandament li minnu ma jistgħux jeħilsu, u grazzja li tgħinhom u tqawwihom.

B'hekk il-familja Nisranija hi msejħa biex tagħti 'l kulħadd xhieda ta' qalb kbira bla ebda interess hija u tiddedika ruħha għall-problemi soċjali, l-aktar billi "turi preferenza" mal-foqra u mal-minsija. Il-familja Nisranija, hija u timxi 'l quddiem wara l-Mulej permezz ta' mħabba speċjali għall-foqra kollha, għandha tieħu ħsieb b'mod speċjali ta' dawk li qegħdin ibatu l-ġuħ, ta' dawk li ma għandhom xejn, tax-xjuħ, tal-morda, tad-drogati, u ta' dawk li ma għandhomx familja tagħhom li tieħu ħsiebhom.

Skema - Frar 2020
Valuri u Diffikultajiet fil-Familja Llum

L-Eżortazzjoni tal-Papa Franġisku *Amoris Lætitia* turina l-ħafna realtajiet li tgħaddi minnhom kull familja. Fost dawn ir-realtajiet hemm kemm valuri u kemm diffikultajiet. F'din il-laqgħa se naraw is-sabiħ u dak li huwa inqas sabiħ fil-familji Maltin.

VALURI

Hawn se nsemmu xi ftit eżempji ta' valuri fil-familji tagħna. Dawn huma valuri li nistgħu ngħidu li huma karatteristika speċjali fil-familja Maltija.

1. L-għaqda fil-familja.
Għalkemm qed inġarrbu l-effetti tas-sekularizzazzjoni, jiġifieri l-effetti ta' soċjetà mingħajr Alla, hemm xewqa fundamentali li kull żwieġ ikun suċċess u li jkun żwieġ dejjiemi. Huma ħafna dawk il-ġenituri li jagħmlu kulma jistgħu biex jaraw li wliedhom miżżewġin jgħixu l-għaqda fil-familja. Tismagħhom jgħidu lil uliedhom fuq il-bżonn tas-sagrifiċċju u s-sabar.

2. Il-familja skola.
Meta ngħidu l-familja skola, m'aħniex nifhmu l-post fejn tmur titgħallem affarijiet u suġġetti ġodda. Imma qed nifhmu li l-familja tkun il-post fejn l-ulied jiltaqgħu mal-Mulej; il-post fejn l-ulied jitgħallmu l-arti tal-imħabba; il-post fejn l-ulied jitgħallmu jaqsmu bejniethom dak kollu li għandhom; il-post fejn jitgħallmu xi tfisser tistenna; il-post fejn l-ulied jitgħallmu jaħfru u jiġu maħfura; il-post fejn l-ulied jitgħallmu t-tliet kelmiet: grazzi, aħfirli u jekk jogħġbok; il-post fejn jitgħallmu jaċċettaw korrezzjoni.

3. Il-familja: il-post fejn nitgħallem nissoċjalizza.
"Il-familja hi l-post fejn isseħħ l-ewwel soċjalizzazzjoni, għax hi l-ewwel lok fejn wieħed jitgħallem joqgħod quddiem l-ieħor, jisma', jaqsam, jissaporti, jirrispetta, jgħin, jgħix ma' ħaddieħor... Fil-familja nitgħallmu nkunu qrib tal-oħrajn, nieħdu ħsieb tal-oħrajn, insellmulhom. Hemm inkissru l-ewwel ċirku tal-egoiżmu tal-bniedem biex nagħrfu li aħna qed ngħixu flimkien ma' oħrajn, li jixirqilhom l-attenzjoni tagħna, it-tjubija tagħna, il-ħlewwa u l-imħabba tagħna." (AL 276)

4. Il-valur tal-familja estiża.
Il-familja estiża hija dik il-familja li tikkonsisti fil-ġenituri (il-missier u l-omm), l-ulied, iz-zijiet, nanniet, u kuġini li joqogħdu taħt l-istess saqaf. Għalkemm din il-forma ta' familja naqset ħafna f'pajjiżna (għaliex kulħadd ikun jixtieq li jkollu d-dar tiegħu), imma ħafna drabi koppji miżżewġin bi tfal żgħar ifittxu s-sapport u l-wens tal-ġenituri tagħhom. Dan jista' jsir għaliex pajjiżna huwa żgħir u d-distanzi mhumiex twal. Spiss dan jitlob prezz għoli għall-ġenituri anzjani, imma jagħmluh biex uliedhom miżżewġin ikunu jistgħu jkomplu bil-ħidma tagħhom.

DIFFIKULTAJIET

1. Dipendenza fuq il-midja soċjali.
Il-midja soċjali saret parti integrali mill-ħajja tagħna. Din hi realtà li għalkemm għandha l-preġji tagħha imma qed toħloq problemi serji fil-familja, l-akbar fosthom hija n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-membri kollha tal-familja. Papa Franġisku jwissi: "Imma jrid ikun iżjed ċar li dawn mhumiex jieħdu post u lanqas iwarrbu l-ħtieġa tad-djalogu iżjed personali u profond li jitlob il-kuntatt fiżiku, jew tal-inqas, il-leħen tal-persuna l-oħra. Nafu li xi drabi dawn il-mezzi jbiegħdu flok iqarrbu, bħal meta waqt ħin l-ikel kulħadd issibu mitluf fuq il-mobile, jew bħal meta wieħed mill-miżżewġin jieħdu n-ngħas jistenna lill-ieħor, li jqatta' sigħat jilgħab ma' xi apparat elettroniku... ma nistgħux ninjoraw ir-riskji tal-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti, li kultant minħabba f'hekk spiċċaw għalkollox passivi, mitlufa u maqtugħa mid-dinja reali. Dan l-'awtiżmu teknoloġiku' iktar jesponihom għall-manipulazzjoni ta' min ifittex li jidħol fl-intimità tagħhom għal interessi egoistiċi." (AL 278)

2. Il-vizzji.
Il-familji tagħna jistgħu jkunu suġġetti tal-esperjenzi serji li jistgħu jwasslu għat-tkissir. Insemmu l-ewwel nett il-pornografija. Illum bil-faċilità tat-teknoloġija tal-mobile tista' ġġorr il-pornografija fil-but.

Imbagħad hemm il-vizzju tad-dipendenza mid-droga, alkoħol u l-logħob tal-flus. F'dak li għandu x'jaqsam mal-abbuż tad-droga, illum qed niddiskutu

li din għandha tkun legalizzata "għax huwa mezz ta' pjaċir." Imma nafu li jekk tinħakem mid-droga, ikun diffiċli biex toħroġ minnha. Din hi problema li ħakmet mhux biss liż-żgħażagħ imma wkoll lill-adulti.

3. Il-vjolenza domestika.

Din hi problema moħbija f'diversi familji ta' pajjiżna. Vjolenza domestika tinkludi l-attentat ta' persuna li qiegħed f'relazzjoni jew fiż-żwieġ li l-għan tiegħu huwa li jiddomina lill-ieħor jew lill-oħra. Għalhekk, l-għan huwa l-kontroll tal-persuna l-oħra. Il-vjolenza domestika tista' tkun ta' diversi forom: dik fiżika, emozzjonali, psikoloġika, sesswali, u anke finanzjarja.

Naturalment, dawn il-fatti li semmejna hawn fuq huma biss parti żgħira mill-valuri u d-diffikultajiet fil-familji tagħna.

"Kif tħossok quddiem dawn ir-realtajiet?

MIT-TAGĦLIM TAL-PAPA FRANĠISKU F'*AMORIS LÆTITIA*

Jista' jiġrilna li quddiem dawn ir-realtajiet inħossuna naqtgħu qalbna u forsi ngħidu li l-familja kif iridha Alla qabdet it-triq tan-niżla. Dan ikun żball kbir. Aħna bħala membri fil-Gruppi Familji Nsara għandna responsabbiltà kbira li nkunu l-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja. Jeħtieġ li aħna stess ma nħallux lilna nfusna niġu influwenzati minn dak li huwa negattiv imma li nerġgħu mmorru għal dak li jrid il-Mulej mill-familji tagħna. Papa Franġisku jfakkarna li għandna mmorru għall-għejun. Dawn huma:

- **L-ispiritwalità tal-komunjoni fil-familja.** Il-preżenza tal-Mulej tgħammar fil-familja vera u konkreta, bit-tbatija, it-taqbid, il-ferħ u t-tamiet kollha tal-ħajja tagħha ta' kuljum. Meta ngħixu fil-familja, hemm diffiċli nistaħbew jew nigdbu, ma nistgħux inxiddu maskri. Jekk hi l-imħabba li sseddaq din l-awtentiċità, il-Mulej jgħammar hemm bil-ferħ u s-sliem tiegħu. L-ispiritwalità tal-imħabba fil-familja hi msawra minn eluf ta' ġesti reali u konkreti. (AL 315)

X'jistgħu jkunu dawn il-ġesti konkreti u reali li jgħinu lill-ispiritwalità tal-imħabba fil-familja?

- **Imxerkin fit-talb.** Jekk il-familja jirnexxilha tinġabar fi Kristu, hu jgħaqqad u jdawwal il-ħajja kollha tal-familja. It-tbatija u l-problemi tgħixhom f'xirka mas-Salib tal-Mulej, u t-tgħanniqa tagħha miegħu tgħinha ġġarrab l-agħar mumenti bis-sabar. Fil-jiem ta' mrar tagħha l-familja tkun magħquda ma' Ġesù abbandunat u hekk ma togħtorx. (AL 317)

Kemm huwa faċli li l-koppja titlob flimkien?

- **Spiritwalità tal-imħabba esklussiva u ħielsa.** Fiż-żwieġ ngħixu wkoll is-sens ta' appartenenza sħiħa għal persuna waħda. L-għarajjes jidħlu għall-isfida u x-xenqa li jixjieħu u jitwaħħdu flimkien sal-aħħar u hekk jirriflettu l-fedeltà ta' Alla. Din id-deċiżjoni sħiħa, li tagħti stil ta' ħajja, hi "ħaġa mitluba mill-istess natura tal-patt ta' mħabba bejn il-miżżewġin" għax "min ma jiddeċidix li jħobb għal dejjem, qajla jista' jħobb b'sinċerità mqar għal ġurnata waħda." (AL 319)

Waħda mill-problemi moħbija fil-koppji hi l-infedeltà. Din tista' ssir bil-mobile, internet, eċċ. Ejjew nagħmlu ftit ħin fis-skiet u nitolbu għal min għaddej minn din is-sitwazzjoni.

- **L-ispiritwalità tal-għożża, tal-faraġ u li tħeġġeġ.**
  "Il-miżżewġin Insara huma koperaturi tal-grazzja u xhieda tal-fidi bejniethom, ma' wliedhom u ma' dawk li jgħixu magħhom." Alla jistedinhom inisslu u jgħożżu lil dawk li jġibu fid-dinja. Hu għalhekk li l-familja "sa minn dejjem kienet l-eqreb 'sptar'." Ejjew nieħdu ħsieb ta' xulxin, inwieżnu u nkebbsu bil-ħeġġa wieħed lill-ieħor, u ngħixu dan kollu hekk kif joħroġ mill-ispiritwalità tal-familja tagħna. Il-ħajja tal-koppja hi sehem mill-opra ħallieqa ta' Alla, u kull wieħed hu għall-ieħor tqanqila kontinwa tal-Ispirtu. (AL 321)

Semmi eżempji konkreti ta' kif il-familja tista' tkun l-eqreb sptar.

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla
Il-bniedem għaqli u l-bniedem iblah
(Mt. 7:21, 24-27)

21 F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Mhux kull min jgħidli 'Mulej, Mulej' jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet!... 24 Għalhekk kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. 25 Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġarrfuhiex għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat. 26 Imma kull min jisma' dan kliemi, u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien, isir jixbah bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel. 27 Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar u ġġarrfet: u kbira kienet il-qerda tagħha!"

Għajnuna għad-Diskussjoni:

- Minn din is-silta li għadna kemm qrajna, x'jiġifieri tibni fuq il-blat u tibni fuq ir-ramel?
- Mill-esperjenzi tiegħek, taħseb li l-familji tagħna llum qed jinbnew fuq il-blat jew fuq ir-ramel? Għaliex?
- X'għandha tkun il-ħidma tagħna, membri tal-Gruppi Familji Nsara, biex ngħinu lill-familji ta' żmienna jinbnew fuq il-blat?

Skema - Marzu 2020
L-Ekoloġija tal-Ġuf

Kif l-ambjent fil-ġuf u barra, jinfluwenza għat-tajjeb u l-ħażin il-ħajja tat-tarbija fil-ġuf.

Eżempji: Kif it-teħid tax-xorb alkoħoliku, id-drogi u s-sigaretti mill-ġenituri waqt it-tqala jaffettwaw ħażin it-tarbija fil-ġuf. Kif l-imħabba, l-għozza, u l-kliem ħelu mill-ġenituri u l-mużika waqt it-tqala jinfluwenza tajjeb it-tarbija fil-ġuf.

Mulej, int sawwart il-ġewwieni tiegħi, u f'ġuf ommi inti nsiġtni. (Salm 139:13)

Fl-Enċiklika tiegħu *Laudato Si'* dwar l-ambjent maħruġa fl-2015, il-Papa Franġisku f'paragrafu 120 jgħid: Ladarba kollox hu f'relazzjoni, il-ħarsien tan-natura lanqas mhu kompatibbli mal-ġustifikazzjoni tal-abort. Ma tagħmilx sens mixja edukattiva li tgħinna nilqgħu lill-ħlejjaq l-aktar dgħajfa li għandna madwarna, li kultant jisfaw mhedda u attakkati, meta mbagħad m'aħniex lesti nipproteġu lill-embriju uman imqar jekk il-wasla tiegħu taf toħloq skumditajiet u diffikultajiet: "Jekk is-sensibbiltà personali u soċjali favur l-aċċettazzjoni ta' ħajja ġdida tintilef, imbagħad jinxfu wkoll l-għamliet l-oħra ta' aċċettazzjoni li jiswew għas-soċjetà."

L-ewwel Ambjent għall-Bniedem huwa l-Ġuf

Illum il-Maltin kollha jridu li jkun imħares l-ambjent naturali. Issa beda moviment biex jitwessa' l-kunċett tal-ambjent biex jibda jqis li l-ewwel ambjent għall-bniedem ikun mhux meta jitwieled – id-dinja ta' madwaru – imma hu l-ġuf tal-omm... u anke qabel. Dan għandu jitħares mil-lat fiżiku, emozzjonali u mentali.

Dr Thomas Verny, psikoterapista tal-familja u pijunier tal-ekoloġija tal-ġuf, jgħid li t-tarbija fil-ġuf hija individwu sensittiv ħafna li jifforma relazzjoni qawwija mal-ġenituri tiegħu u mad-dinja ta' madwaru – waqt li jkun għadu fil-ġuf... l-ewwel ambjent, l-ewwel dinja, għall-istess tarbija. It-tarbija fil-ġuf tħoss, tiftakar u tkun taf xi jkun għaddej madwarha.

Fid-disa' xhur bejn il-konċepiment u t-twelid, l-omm tifforma u tiggwida l-personalità, il-ġibdiet u l-ambizzjonijiet tat-tarbija fil-ġuf permezz tal-ħsibijiet u l-ħsus tagħha. Bihom, l-omm u l-missier,

jistgħu joħolqu persuna umana mżejna b'ħafna vantaġġi.

Politika Nazzjonali dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf

Saret proposta lill-Parlament Malti biex l-ambjent jibda jinkludi wkoll l-ewwel ambjent għall-bniedem – il-ġuf tal-omm. Sar ukoll suġġeriment li Malta jkollha politika nazzjonali dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf u li l-partiti politiċi jibdew idaħħlu l-Ekoloġija tal-Ġuf fil-manifest elettorali tagħhom.

Ċentru tal-Ekoloġija tal-Ġuf fil-Mediterran

F'Malta għandna pożizzjoni unika. Għandna l-partiti politiċi kollha jiddikjaraw li huma favur il-ħajja mill-konċepiment u kontra l-abort. F'survey nazzjonali fl-2018, 97% tal-Maltin qalu li huma kontra l-abort.

Sar suġġeriment li Malta issir ukoll Ċentru tal-Ekolġija tal-Ġuf fil-Mediterran. Il-Pro-Life Movement ta' Malta, li l-Moviment ta' Kana hu parti minnu, beda jaħdem biex din l-idea ssir realtà.

Inroddlok ħajr Mulej, għax b'mod tal-għaġeb għamiltni: tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek. (Salm 139:14)

Hawn issir waqfa qasira biex issir riflessjoni personali fuq din is-silta tas-Salm 139.

Teżisti ħafna evidenza xjentifika li l-użu ħażin u l-abbuż tax-xorb alkoħoliku, id-drogi u t-tabakk mill-ġenituri tat-trabi fil-ġuf tal-omm kemm qabel u, agħar, waqt it-tqala, jagħmlu ħsara fiżika, mentali u emozzjonali lit-tarbija fil-ġuf tal-omm.

L-istess ħsara jagħmluha l-emissjonijiet kimiċi u tossiċi li jinbelgħu mill-arja mill-ommijiet u l-missirijiet, u l-madwar 200 miljun tarbija fil-ġuf tal-omm madwar id-dinja kollha kull sena, inklużi madwar 7000 tarbija kull sena fil-gżejjer Maltin.

Jiġri l-istess meta l-ġenituri tat-trabi fil-ġuf tal-omm ikunu esposti għal kimiċi u sustanzi tossiċi fuq il-postijiet tax-xogħol. Ambjent ieħor importanti ħafna.

Din il-ħsara titkompla jekk ma' ssirx kampanja hawn Malta, u anke mondjali, li tiddikjara li s-saħħa fiżika, mentali u emozzjonali tat-tarbija fil-ġuf tal-omm qed tkun affettwata ħafna minn dawn l-effetti negattivi tal-ambjent.

Ħajja ta' Kwalità għat-Tarbija li se Titwieled

L-Għaqda Internazzjonali dwar il-Psikoloġija u l-Mediċina ta' qabel u matul it-tqala – l-ISPPM fil-Ġermanja – waħda minn erba' għaqdiet internazzjonali li qed jaħdem magħhom l-Pro-Life Movement, taħdem ħafna fuq l-ewwel fażi tal-iżvilupp uman. Tikkonsidra l-ewwel stadji tal-ħajja bħala l-ewwel pożizzjoni ekoloġika tal-bniedem u l-ġuf bħala l-ewwel ambjent ekoloġiku.

It-tqala hi meqjusa bħala l-perjodu fejn ikun hemm djalogu attiv u kontinwu bejn it-tarbija fil-ġuf, l-omm u l-ambjent psikosoċjali tagħha.

Teżisti evidenza xjentifika li l-qalb tat-tarbija fil-ġuf tħabbat aktar meta l-omm tkun għaddejja minn stress waqt it-tqala.

In Vitro Fertilisation

Fil-bidu ta' din il-kitba intqal li "l-ewwel ambjent għall-bniedem huwa l-ġuf tal-omm... u anke qabel." 'Anke qabel' ifisser li llum bil-liġi li għandna dwar *In Vitro Fertilisation* – l-IVF – il-bidu nett tal-bniedem ma jsirx fil-ġuf tal-omm imma f'dixx tal-ħġieġ, (vitro). Illum, meta nafu li diġà għandna embrijuni fil-friża – tfal żgħar ħafna fil-bidu nett tat-tnissil tagħhom – żgur li l-bidu nett tal-ħajja umana mhux fil-ġuf, irid ikun ukoll protett mill-ħsara u anke mill-mewt.

Dan huwa wkoll mixtieq mill-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Magħquda li tgħid: "It-tarbija, minħabba l-immaturità fiżika u mentali tagħha, teħtieġ ħarsien u attenzjoni speċjali, inkluż ħarsien legali xieraq, qabel kif ukoll wara t-twelid."

Soluzzjoni għall-Infertilità

Il-fertilità u l-kura tal-infertilità llum, meta hawn iżjed għarfien dwar is-saħħa ħolistika tal-bniedem, hija relatata ma' promozzjoni ta' "healthy lifestyles".

Fil-fatt bħala parti mill-Infertility Support Services, illum insibu psikoloġi, nutritionists, terapisti tal-familja, terapisti tax-xogħol u speċjalisti dwar l-ambjent, li qed jaħdmu fuq it-twessigħ tal-kunċett ta' "healthy life-styles", dieta bilanċjata, eżerċizzju fiżiku u t-tnaqqis, jew l-eliminazzjoni, tal-istress fil-familja u fuq ix-xogħol. F'pajjiżi oħra dan il-metodu qed jagħti riżultati

pożittivi u anke ta t-tfal lill-koppji li ma kellhomx. Dan għandu jidħol ukoll fil-proġett dwar Ekoloġija tal-Ġuf.

"Min-naħa l-oħra," jgħid il-Papa Franġisku, "iħassibna l-fatt li xi movimenti ekoloġisti jiddefendu s-sħuħija tal-ambjent, ... waqt li mbagħad xi drabi ma japplikawx dawn l-istess prinċipji għall-ħajja umana." (Laudato Si' para. 136)

F'Malta rridu nibqgħu nżommu l-valur sabiħ u nobbli tal-ħarsien tal-ħajja umana mill-konċepiment kif għamilna s'issa u li aħna magħrufin għalih mad-dinja kollha.

Konferenza Nazzjonali dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf fil-Mediterran

Il-ħidma dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf tista' u għandha ssir ukoll mal-partiti politiċi fil-Parlament u barra minnu.

Hemm skop li tkun organizzata Konferenza Nazzjonali dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf fil-Mediterran, anke mal-President ta' Malta, li ddikjara kemm-il darba fil-pubbliku t-twemmin tiegħu dwar id-dinjità tat-tarbija fil-ġuf mill-konċepiment.

Meta nagħmlu dan, inkunu u nidhru li aħna pont bejn l-Ewropa u l-Afrika fil-Mediterran dwar il-promozzjoni ta' kwalità ta' ħajja mill-aħjar għat-trabi kollha fil-ġuf li jkunu se jitwieldu f'dan ir-reġjun u anke 'l hinn minnu.

Din hi missjoni għalina fil-Gruppi Familji Nsara, u għal Malta, li kien aċċenna għaliha meta kien Malta l-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-1990.

Żewġ Videos dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf

Hu ssuġġerit li wieħed jara ż-żewġ videos, 5 u 6 minuti rispettivament, dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf minn Dr Thomas Verny, awtorità mondjali dwar dan is-suġġett. (Iktbu fuq l-internet: Pre and Peri-Natal Psychology: An Introduction – Dr Thomas Verny)

Ħajr lill-Missier għal kull Tarbija fil-Ġuf

Waqt li jinqraw dawn is-siltiet li ġejjin nistiednu lill-membri kollha tal-grupp biex jirriflettu fis-skiet, imma min jixtieq jista' wkoll jagħmel ir-riflessjonijiet tiegħu.

- Nagħtuk ħajr Missier għall-grazzji kbar li tagħti lill-ġenituri li jkunu miegħek fil-tnissil tat-tarbija li jkun għoġbok tagħtihom.

- Kemm huma kbar l-għemejjel tiegħek. Bierek, nitolbuk, in-nisel tagħhom. Bierek il-ħajja umana li għoġbok issawwar magħhom.
- Seddaqha u kabbarha fil-ġuf. Ieqaf magħhom fi ħtiġijiethom kollha. Ħares it-tarbija fil-guf ta' kull omm minn kull ħsara u tiġrib, u wassalha bil-grazzja kbira tiegħek sat-twelid.
- Żejjinha bid-doni tal-Ispirtu tiegħek. Għin lill-ġenituri jgħinuha tiżviluppa l-potenzjal kollu u l-personalità tagħha.
- Nitolbuk, wieġeb it-talb mill-qalb ta' koppji li għalkemm xtaqu, sa issa, ma għandhomx tfal. Sawwar ħajjiet ġodda fil-ġuf ta' dawn l-ommijiet, berikhom, u wassalhom sat-twelid.

Għajnuna għad-Diskussjoni:

- Għandna naħdmu biex kulħadd, kullimkien, speċjalment ommijiet u missirijiet, qabel u waqt it-tqala, ma jiħdux drogi, ma jixorbux alkoħol u ma jpejpux sigaretti, biex ma jagħmlux ħsara lit-tarbija fil-ġuf.
- Taħsbu li x-xogħol, anke sfrenat, u l-ħajja mgħaġġla u stressanti tal-lum mill-omm u l-missier huma ostaklu għall-iżvilupp u kwalità ta' ħajja tajba għat-tarbija fil-ġuf?
- Taqbel li ssir Konferenza Nazzjonali dwar l-Ekoloġija tal-Ġuf bejn il-Parlament Malti, l-imsieħba soċjali kollha u s-soċjetà ċivili taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta?
- Taqbel li Malta ssir Ċentru tal-Ekoloġija tal-Ġuf fil-Mediterran?
- Taqbel li l-Infertility Support Services għandhom jingħataw aktar promozzjoni u għajnuna mill-awtoritajiet ċivili?
- X'għandha tkun l-imġiba tal-membri tal-Gruppi Familji Nsara meta nsibu ruħna f'diskussjoni dwar il-ħajja mill-konċepiment sat-tmiem naturali tagħha?

Skema - April 2020
Il-Familja Taf Tistrieħ Illum?

Nuqqas ta' Apprezzament għall-Mistrieħ

Li nfittxu mumenti ta' mistrieħ fid-dinja tal-lum saret xi ħaġa li mhux dejjem qed tkun apprezzata. Sirna naħdmu dejjem iżjed u ħafna drabi nispiċċaw għajjenin ħafna. Mhux kulħadd sar ifittex li jkollu dik il-ġurnata ta' mistrieħ kull ġimgħa.

Illum qed ngħixu f'soċjetà li tippremja aktar lil dawk li jaħdmu 60 siegħa fil-ġimgħa u ġieli tħares b'mod indifferenti lejn dawk li jaħdmu 40 siegħa. Sirna nħalltu l-mistrieħ ma' aktar ħidma. Is-soċjetà moderna minħabba l-piżijiet tal-ħajja, u li kulħadd irid kollox illum, uħud iridu jagħmlu ħafna sagrifiċċji biex jaqilgħu dejjem aktar.

Ngħixu f'dinja li dejjem għaddejja. It-teknoloġija tippermettilna li naħdmu sa tard filgħaxija u anke billejl. Id-dinja moderna (partikolarment permezz tal-internet) tpoġġi quddiemna ġurnata ta' 24 siegħa kuljum.

Illum id-distrazzjoni nfittxuha aktar. Moħħna qatt ma jieqaf. Saret ħaġa aktar diffiċli li nitfu l-email, il-Facebook jew

Twitter... Biex ma nsemmux il-mobile, it-television jew l-internet. U aktar ma nfittxu din it-tip ta' distrazzjoni, dejjem isir aktar diffiċli li nsibu l-mistrieħ.

Ilkoll għandna bżonn il-mistrieħ, mhux biss fiżiku, iżda wkoll emozzjonali u spiritwali. Irridu nirrealizzaw li d-dinja xorta tibqa' għaddejja mingħajrna! Jeħtieġ li jirnexxilna nieqfu u nindunaw li m'aħniex waħedna. Ilkoll jistħoqqilna l-mistrieħ. Irridu naħdmu ħafna biex inżommu mqar ġurnata fil-ġimgħa għalina bħala mistrieħ. Hu meħtieġ li din issir parti mir-rutina ta' ħajjitna. Irridu noħolqu spazju ta' żmien li l-familja kollha tiltaqa' u tistrieħ flimkien waqt li tosserva l-obbligazzjonijiet spiritwali. Il-bniedem, barra l-ġisem għandu r-ruħ ukoll!

It-Ritmu tal-Ħajja tal-Familja

Il-Papa Franġisku jpoġġi quddiemna tliet dimensjonijiet li jindikaw ir-ritmu tal-ħajja tal-familja: *il-festa, ix-xogħol, it-talb*. Hawn qed inwasslulkom it-tifsira li jagħti l-Papa għat-tema "il-festa" li fil-kuntest ta' din l-iskema tirreferi għal "il-mistrieħ", u fejn il-Papa jagħtiha sinifikat partikolari.

Il-Festa fil-Ħajja tal-Familja

Il-festa hi parti mill-pjan t'Alla. Fl-għeluq tar-rakkont tal-ħolqien, fil-Ktieb tal-Ġenesi, insibu li fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu, bierek is-seba' jum u qaddsu. Alla nnifsu jgħallimna kemm hu importanti li nsibu ħin biex nikkontemplaw u ngawdu dak li jkun sar tajjeb fil-ħin tax-xogħol. Hawn qed nitkellmu dwar ix-xogħol mhux biss fis-sens ta' mestier jew tal-professjoni, imma b'mod aktar wiesa': kull azzjoni li biha aħna l-irġiel u n-nisa nistgħu nikkollaboraw mal-opra ħallieqa ta' Alla.

Il-festa, qabel xejn tfisser ħarsa kollha mħabba u gratitudni lejn ix-xogħol magħmul tajjeb. Hu żmien li fih wieħed jieqaf iħares ftit lejn uliedu, jew in-neputijiet, li qed jikbru, u jgħid: Xi ġmiel! Hu żmien li fih inħarsu lejn id-dar tagħna, il-ħbieb tagħna, il-komunità ta' madwarna, u ngħidu: Kemm hi ħaġa tajba! Alla hekk għamel meta ħalaq id-dinja. U l-ħin kollu jagħmel hekk, għax Alla dejjem għadu joħloq, imqar bħalissa!

Iż-żmien veru ta' festa hu dak li fih nieqfu mix-xogħol tagħna. Madankollu nafu li hemm miljuni ta' rġiel u nisa u saħansitra tfal li huma lsiera tax-xogħol!

Għandna lsiera li huma sfruttati u dan imur kontra Alla u kontra d-dinjità tal-bniedem! L-ossessjoni għall-profitt ekonomiku u l-effiċjenza tat-teknoloġija jqiegħdu f'riskju r-ritmi umani tal-ħajja. Żmien il-mistrieħ, l-ewwel u qabel kollox dak tal-Ħadd, qiegħed hemm għalina biex nistgħu ngawduh. Qed naraw kif l-ideoloġija tal-profitt u tal-konsum qed tnaqqar ukoll mill-festa: anke din kultant qed tiġi ridotta għal biċċa negozju. Dan kollu jwassalna wkoll biex inħossuna aktar għajjenin minn qabel. Ir-ritmi mħarbta tal-festa jħallu ħafna vittmi, spiss anke żgħażagħ.

Iż-Żmien ta' Festa Hu Qaddis

Iż-żmien ta' festa hu qaddis għax Alla jgħammar fih b'mod speċjali. L-Ewkaristija tal-Ħadd iżżejjen lill-festa bil-grazzja kollha ta' Ġesù Kristu: il-preżenza tiegħu, imħabbtu, is-sagrifiċċju tiegħu, il-mod kif hu jagħmilna komunità, kif jibqa' magħna.

Il-familja hi mżejna b'dik il-kompetenza straordinarja li tifhem, tindirizza u twieżen il-valur awtentiku taż-żmien ta' festa. Kemm huma sbieħ il-festi fil-familja! U b'mod partikolari l-Ħadd. L-istess ħajja tal-familja, meta nħarsu lejha bl-għajnejn tal-fidi, tidhrilna aqwa mit-taħbit li din iġġibilna magħha għax tiġbor fiha l-aspetti kollha tal-ħajja vera. Tidher bħala ħaġa "tajba ħafna", kif qal Alla meta temm il-ħolqien tar-raġel u tal-mara (ara Ġen 1:31). Għalhekk, il-festa hi don prezzjuż ta' Alla; rigal prezzjuż li Alla ta lill-familja tal-bnedmin: ejjew ma nirvinawhx!

Għajnuna għad-Diskussjoni:

- Inħossuha fuqna l-pressjoni tad-dinja ta' madwarna?
- Din ittellifna biex insibu ħin ta' mistrieħ?
- Kif ngħadduh il-ħin ta' mistrieħ?
- Il-Papa Franġisku joffrilna mod interessanti kif għandna nħarsu lejn il-mistrieħ. Isejjaħlu "festa" u jistedinna biex fiha napprezzaw il-ħajja tal-familja. X'taħsbu dwar dan?
- Il-Ħadd għadu jfisser "festa" għalina?


“Żmien il-mistrieħ, l-ewwel u qabel
kollox dak tal-Ħadd, qiegħed hemm
għalina biex nistgħu ngawduh.”

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Il-ħolqien tas-sema u l-art (Ġen. 2:1-3)
1U hekk intemmu s-sema u l-art bit-tagħmir kollu tagħhom. 2U fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel, u waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel. 3U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu, għax fih waqaf mix-xogħol kollu tiegħu li kien għamel fil-ħolqien.

- Il-Papa Franġisku jurina li l-festa hi parti mil-pjan t'Alla. Dan narawh mill-għeluq tar-rakkont tal-ħolqien kif miktub fil-Ktieb tal-Ġenesi.
- Meta naqraw din is-silta, x'valur nagħtu lill-ħtieġa tal-ħin tal-mistrieħ?

Ġesù jżur lil Marta u Marija (Lq. 10:38-42)
38Huma u sejrin, daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta. 39Din kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid. 40Iżda Marta kienet moħħha fil-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi!" 41Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; 42imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

- Il-Papa Franġisku jagħtina din ir-riflessjoni: "Iż-żjara ta' Ġesù, li tant kienu jħobbu, kienet festa għalihom. Marta, tgħallmet li l-ħidma tal-ospitalità, imqar jekk siewja, mhix kollox, imma li tisma' lill-Mulej, kif kienet tagħmel Marija, kienet l-aktar ħaġa essenzjali, l-'aħjar sehem' tal-ħin."
- Marija wriet atteġġjament ta' dixxiplu ta' Ġesù meta "niżlet bilqiegħda... tisimgħu."
- Kif nistgħu napplikaw dak li joħroġ mir-riflessjoni tal-Papa biex jgħinna noħolqu bilanċ bejn "il-festa, ix-xogħol, it-talb" fir-ritmu tal-ħajja tal-familja tagħna?

Ngħixu s-Sejħa Tagħna fil-Familja

Nilqgħu lil Ġesù Ewkaristija fostna (fejn dan ikun possibbli) u ninġabru għat-Talb.
Quddiem Ġesù, b'rabta ma' dak li ddiskutejna u rriflettejna dwaru, inħarsu 'l quddiem lejn ħajjitna fi ħdan il-familja u fil-komunità, filwaqt li rressqulu t-talb tagħna.

Skema - Mejju 2020
Familja Miġruħa

Nafu sewwa li fl-ebda storja familjari ma jonqsu l-mumenti fejn l-intimità tal-aktar relazzjonijiet għeżież ta' mħabba tisfa' mweġġgħa mill-imġiba tal-membri tagħha stess. Jiġifieri, meta fil-familja nfisha nweġġgħu lil xulxin. L-ikreh ħaġa!

Kliem u għemejjel jew anke forsi nuqqas ta' għemil, flok jesprimu l-imħabba, dawn joħonquha u, agħar u agħar, ikasbruha. Meta dawn il-ġrieħi nkunu għadna nistgħu nfejquhom, nittraskurawhom, imorru għall-agħar: jinbidlu fi prepotenza, ostilità, u disprezz. Imbagħad huma jinbidlu f'tiċrit qawwi, li jifred il-miżżewġin, u jwasslu biex dak li jkun imur ifittex band'oħra min jifhmu, iwieżnu u jfarrġu. Imma spiss dak li jkun qed jgħin lil min ikun għaddej minn dawn il-mumenti ibsin, ma jkollux għal qalbu l-ġid tal-familja! In-nuqqas tal-imħabba bejn il-miżżewġin iġib ċerta rabja għal xulxin fir-relazzjonijiet. U spiss l-effetti tal-firda jaqgħu fuq it-tfal.

Il-Papa Franġisku jgħid li minkejja s-sensibbiltà tagħna li minn barra donnha żdiedet, nistaqsi jekk forsi mewwitniex ukoll ir-rispett lejn il-ġrieħi f'qalb it-tfal? U forsi biex mingħalina nfejqu l-grieħi f'qalb it-tfal nippruvaw nagħmlu tajjeb b'rigali u ħelu, u aktar ma nippruvaw nagħmlu hekk aktar nitilfu s-sens tal-ġrieħi. Dawn huma ġrieħi li jimmarkaw il-ħajja kollha.

Fil-familja, kollox marbut flimkien: meta r-ruħ tagħha hi miġruħa xi mkien, l-infezzjoni tmarrad kollox. U meta raġel u mara, li impenjaw ruħhom biex ikunu 'ġisem wieħed' u jibnu familja, jaħsbu ossessivament fil-bżonn tagħhom infushom li jkunu ħielsa, dan it-tagħwiġ tal-verità jolqot bil-kbir il-qalb u l-ħajja ta' wliedhom. Ħafna drabi t-tfal imorru jistaħbew biex jibku waħidhom... Dan irridu nifhmuh sewwa. Raġel u mara huma ġisem wieħed. Imma wliedhom huma laħam minn laħamhom.

Hu minnu, mill-banda l-oħra, li hemm każi fejn is-separazzjoni ma tistax tevitaha. Kull tant tista' ssir saħanistra moralment meħtieġa, meta appuntu qed nitkellmu dwar li nneħħu lill-parti l-iżjed dgħajfa, jew lit-tfal żgħar, l-iżjed ġrieħi gravi kkawżati mill-prepotenza u mill-vjolenza, mill-umiljazzjoni u l-abbuż, mill-bruda u l-indifferenza. Għall-grazzja ta' Alla, ma jonqsux dawk li, megħjuna mill-fidi u mill-imħabba għall-ulied, jagħtu xhieda tal-fedeltà tagħhom lejn rabta li fiha emmnu, ikun kemm ikun jidher impossibbli li

jagħtuha l-ħajja mill-ġdid. Mhux is-separati kollha, imma, iħossu din il-vokazzjoni. Mhux kollha jagħrfu, fis-solitudni, is-sejħa li qed jagħmlilhom il-Mulej.

(Ara l-Udjenza Ġenerali tal-Papa Franġisku tal-24 ta' Ġunju 2015)

Sitwazzjonijiet aktar Ikkomplikati u Irriversibbli

Irridu nħarsu lejn realtà oħra fil-familji miġruħa minħabba fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-miżżewġin, u nixħtu l-attenzjoni tagħna fuq: kif nieħdu ħsieb ta' dawk li, wara l-falliment irriversibbli tar-rabta taż-żwieġ tagħhom, daħlu f'rabta ġdida. Il-Knisja taf tajjeb li sitwazzjoni bħal din tmur kontra s-sagrament taż-żwieġ. Madankollu, il-ħarsa tagħha ta' għalliema ħierġa dejjem mill-qalb ta' omm, qalb li, imħeġġa mill-Ispirtu s-Santu, tfittex dejjem il-ġid u s-salvazzjoni tal-persuni. Għalhekk hi tħossha fid-dmir, "bi mħabba lejn il-verità", li "tgħarbel sew is-sitwazzjonijiet."

Jekk imbagħad inħarsu lejn dawn ir-rabtiet ġodda bl-għajnejn tal-ulied ċkejknin – u ċ-ċkejknin jaraw – bl-għajnejn tat-tfal, iżjed u iżjed naraw l-urġenza li niżviluppaw fil-komunitajiet tagħna mod veru ta' kif nilqgħu l-persuni li għaddejjin minn sitwazzjonijiet bħal dawn. Għalhekk importanti li l-istil tal-komunità, il-lingwaġġ tagħha, l-imġibiet tagħha, ikunu dejjem attenti għall-persuni, ibda miċ-ċkejknin.

It-tfal huma dawk li jbatu l-iktar, f'dawn is-sitwazzjonijiet. Mill-bqija, kif nistgħu ngħinu lil dawn il-ġenituri biex jagħmlu minn kollox ħalli jedukaw lil uliedhom għall-ħajja Nisranija, jagħtuhom l-eżempju ta' fidi konvinta u pprattikata, jekk inżommuhom imbegħdin mill-ħajja tal-komunità, qishom kienu skomunikati? Għandna nħabirku biex ma nżidux toqol ieħor ma' dak li l-ulied, f'dawn is-sitwazzjonijiet, diġà qed ikollhom iġorru! Sfortunatament, l-għadd ta' dawn it-tfal u adolexxenti hu tassew kbir. Importanti li huma jħossu lill-Knisja bħala omm attenta għal kulħadd, dejjem lesta biex tismagħhom u tiltaqa' magħhom.

Fil-verità, f'dawn l-aħħar għaxriet ta' snin, il-Knisja la kienet qalbha magħluqa u lanqas żammet lura. Grazzi għat-tiftix fil-fond li għamlu r-Ragħajja tal-Knisja, kiber tabilħaqq l-għarfien li hemm bżonn nilqgħu bħal aħwa u b'qalb attenta, fl-imħabba u fil-verità, lil dawk l-imgħammda li qegħdin jgħixu relazzjoni ġdida wara li ż-żwieġ sagramentali tagħhom falla; fil-

fatt, dawn il-persuni mhuma xejn affattu skomunikati, mhumiex skomunikati! U assolutament m'għandhomx jiġu ttrattati bħala tali: huma dejjem jagħmlu parti mill-Knisja. Il-Papa Benedittu XVI tkellem fuq din il-kwistjoni, u sejjaħ għal dixxerniment attent u tisħib pastorali għaref, għax kien jaf li ma teżisti l-ebda 'riċetta sempliċi'. (Diskors fis-VII Laqgħa Dinjija tal-Familji, Milan, 2 ta' Ġunju 2012, tweġiba nru 5)

Minn hawn l-istedina mtennija tar-Ragħajja biex juru b'mod miftuħ u koerenti d-disponibbiltà tal-komunità li tilqagħhom u tagħmlilhom il-qalb, biex jgħixu u jrawmu dejjem iżjed l-appartenenza tagħhom għal Kristu u għall-Knisja bit-talb, bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, bis-sehem ta' sikwit fil-liturġija, bl-edukazzjoni Nisranija tal-ulied, bil-karità u s-servizz lill-foqra, bl-impenn għall-ġustizzja u l-paċi.

(Ara l-Udjenza Ġenerali tal-Papa Franġisku tal-5 ta' Awwissu 2015)

Għajnuna għad-Diskussjoni:

Madwarna għandna divesi familji f'sitwazzjonijiet hekk imsejħa irregolari - kelma li ma tantx hi sabiħa – u dawn iġagħluna nagħmlu ħafna mistoqsijiet.

- Kif nistgħu ngħinuhom?
- Kif nagħmlu biex nakkumpanjawhom? X'jiġifieri takkumpanja?
- Kif nistgħu nuru s-sapport tagħna biex uliedhom ma jispiċċawx qishom ballun bejn il-missier u l-omm?
- Kif nieħdu ħsieb ta' dawk li, wara l-falliment irriversibbli tar-rabta taż-żwieġ tagħhom, daħlu f'rabta ġdida?

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Dwar l-iskandlu (Mt. 18:6)

6"Imma min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma' għonqu ġebla tat-ħin minn dawk li jdawru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ ta' baħar."

Dwar iż-żwieġ (Mt. 19:6-9)

6"Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem." 7Qalulu: "Mela allura għaliex ordna Mosè li żewġha jagħtiha l-kitba tad-divorzju u jibgħatha?" 8Qalilhom: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu. 9U ngħidilkom, li min jibgħat lil martu


"Għandna nħabirku biex ma nżidux
toqol ieħor ma' dak li l-ulied, f'dawn is-
sitwazzjonijiet, diġà qed ikollhom iġorru!"

- barra l-każ ta' żwieġ ħażin - u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju."

Jekk naħsbu kemm kien iebes Ġesù meta wissa lill-kbar biex ma jagħtux skandlu lit-tfal iż-żgħar – smajnieha s-silta mill-Evanġelju (Mt. 18:6) – nistgħu nifhmu aħjar ukoll il-kelma tiegħu fuq ir-responsabbiltà għolja li l-bniedem jindokra r-rabta konjugali li tagħti bidu lill-familja umana. (Mt. 19:6-9) Meta r-raġel u l-mara saru ġisem wieħed, il-ġrieħi u l-abbandun kollu tal-omm u l-missier iħallu l-effett tagħhom fuq il-ġisem ħaj tal-ulied.

Ir-Ragħaj it-tajjeb (Ġw. 10:11-18)

[11]"Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. [12]Il-mikri, li mhuwiex ir-ragħaj, u li n-nagħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-nagħaġ u jaħrab; u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom. [13]Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ. [14]Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, [15]bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti. [16]Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed. [17]Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. [18]Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri."

L-Insara kollha msejħin jixbhu lir-Ragħaj it-Tajjeb. Fuq kollox il-familji Nsara jistgħu jikkollaboraw miegħu biex jieħdu ħsieb tal-familji miġruħa, huma u jseħbuhom fil-ħajja tal-fidi tal-komunità. Kulħadd jagħmel il-parti tiegħu u jagħmel tiegħu l-imġiba tar-Ragħaj it-Tajjeb, li jaf lil kull waħda min-nagħġiet tiegħu u lil ħadd ma jħalli barra mill-imħabba tiegħu bla tarf!

Ħin ta' Ġabra u Talb madwar Ġesù Ewkaristija

Nitolbu lill-Mulej b'fidi kbira, biex inħarsu lejn din ir-realtà mill-għajnejn ta' Alla; u nitolbuh jagħtina mħabba kbira, biex nersqu qrib tal-persuni bl-istess qalb ħanina tiegħu. Sabiex jagħtina l-għerf biex nagħrfu kif nistgħu ngħinuhom, kif nagħmlu biex nakkumpanjawhom, u biex uliedhom ma jispiċċawx ostaġġi tal-missier jew tal-omm.

Skema - Ġunju 2020
Il-Maħfra u r-Rikonċiljazzjoni Possibbli?

Il-familji Nsara jgħaddu minn ħafna esperjenzi sbieħ, iżda wkoll diffiċli u ta' niket tul il-ħajja tagħhom fejn jista' jkun hemm diżgwid, rabja, intolleranza, infedeltà, għira u ħafna sitwazzjonijiet oħra. Ta' kuljum nonqsu kontra xulxin. Jeħtieġ nagħrfu dawn l-iżbalji, li ġejjin mid-dgħufija u l-egoiżmu tagħna. Il-familja tgħaddi minn ħafna emozzjonijiet u xi kultant trid tieħu deċiżjonijiet diffiċli. Nistgħu nissuperaw dawn id-diffikultajiet billi nitolbu l-għajnuna t'Alla u b'umiltà kbira ngħidulu: "Aħfer int fejn jien ma nistax naħfer."

Nieħdu l-eżempju tal-infedeltà. L-ewwel reazzjoni tagħna tista' tkun "naħfer iva imma ninsa le" jew "ħfirt imma ma jistax ikun li nerġa' nibda relazzjoni miegħu/magħha."

Dan li ser nikteb, hija esperjenza vera u li ġrat ftit snin ilu, u meta smajtha minn fomm min ġarrabha, tgħallimt li bl-għajnuna t'Alla u b'rieda tajba nissuperaw kull ostakolu.

Iltqajt ma' koppja, li kellha problemi serji ta' nuqqas ta' fedeltà minn parti waħda. Isseparaw u għal diversi snin kienu mifrudin. Wara dan iż-żmien, waħda mill-partijiet iddispjaċiha, talbet maħfra, u l-parti l-oħra aċċettat li jerġgħu jingħaqdu flimkien. Mhix faċli u huwa proċess diffiċli u forsi twil biex tasal biex taħfer u terġa' tirrikonċilja mal-persuna li tkun żbaljat. Diġà għaddew erba' snin u din il-koppja għadha għaddejja mill-proċess ta' rikonċiljazzjoni imma ħerqana li bl-għajnuna t'Alla terġa' tingħaqad flimkien. Tgħidu: "Kif inhu possibbli dan?"

Ħafna, anke fostna l-Insara, jaħsbu li, li taħfer hi esaġerazzjoni. Jgħidu: "Iva, kliem sabiħ, imma impossibbli tqiegħdu fil-prattika. Meta nkunu indeċiżi għandna nsaqsu lilna nfusa: "Ġesù x'għallimna?" Ibda mit-talba tal-Missierna u għandek it-tweġiba. Fil-fatt hu sewwa sew meta nirċievu l-maħfra ta' Alla li, min-naħa tagħna, insiru kapaċi naħfru lill-oħrajn.

Il-Papa Franġisku fid-diskors tiegħu dwar iż-żwieġ u l-familja fid-IX Laqgħa Dinjija tal-Familji li saret f'Dublin, l-Irlanda (25-26 Awwissu 2018) qal hekk:-

> Il-poeta kien iħobb jgħid illi "li tiżbalja hu uman, li taħfer hu divin." U dan hu minnu: il-maħfra hi don speċjali ta' Alla li jfejjaq il-ġrieħi tagħna u jqarribna lejn xulxin. Ġesti żgħar u sempliċi ta' maħfra, imġedda ta' kuljum, huma l-bażi li fuqha nistgħu

nibnu ħajja soda tal-familja Nisranija. Iġagħluna negħlbu l-kburija, id-distakk u l-biża' li nagħmlu paċi. Ħafna drabi nkunu rrabbjati għal xulxin u nkunu nixtiequ nagħmlu paċi, ma nkunux nafu kif. Noqogħdu lura milli nagħmlu paċi, anke jekk inkunu rridu nagħmluha! Mhix ħaġa daqshekk diffiċli...

Ma teżistix familja perfetta; mingħajr id-drawwa tal-maħfra, il-familja tikber marida u naqra naqra tiġġarraf. Taħfer ifisser tagħti xi ħaga minnek innifsek.

Niddiskutu din il-fraži: "Taħfer ifisser tagħti xi ħaga minnek innifsek."

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Fit-Testment l-Antik, insibu l-Profeta Hosegħa, li għex u ħadem fit-tmien seklu qabel Kristu, meta s-saltna ta' Iżrael waslet fi tmiemha ħtija tal-lussu, l-inġustizzji, l-immoralità u l-idolatrija tagħha.

Il-Profeta jisħaq fuq il-ħniena ta' Alla. Alla li dejjem lest jaħfer kemm-il darba nindmu u nikkonvertu. Bħalma raġel lest jilqa' lura lil martu adultera li terġa' lura għandu niedma. Naqraw f'Hosegħa kapitlu 1:

[2]Meta fil-bidu l-Mulej tkellem permezz ta' Hosegħa, qallu: "Mur, ħu b'martek mara żienja, ħa jkollok ulied iż-żina, għax l-art żniet billi twarrbu mill-Mulej."

[3]U mar u ħa b'martu lil Gomer bint Diblajm, u tqalet u wilditlu tifel.

[6]U reġgħet tqalet u wildet tifla. U l-Mulej qallu: "Semmiha Lo-ruħama, għaliex m'iniex ser inħobb aktar id-dar ta' Iżrael, m'iniex ser naħfrilhom aktar."

[8]U fatmet 'il dik li kien jisimha Lo-ruħama u reġgħet tqalet, u wildet tifel.

Ma kinitx kuntenta ma' żewġha u wliedha, iżda marret ma' raġel għani li kien jista' jagħtiha dak kollu li xtaqet. Iżda minkejja dan, Hosegħa ħafrilha u f'kapitlu 2 jgħid:

> [21]"Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, [22]b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi u int tagħraf lill-Mulej."

Ikompli Hosegħa f'kapitlu 3:

> [1]U qalli l-Mulej: "Erġa' mur, u ħobb il-mara, maħbuba minn żewġha, li ħallietu biex tingħaqad ma' rġiel oħra; l-istess kif il-Mulej iħobb 'l ulied Iżrael, għalkemm huma jduru lejn allat oħra u jħobbu l-ftajjar taż-żbib."

F'dan ir-rakkont, naraw l-għerf u l-imħabba li Hosegħa kellu lejn Alla u b'hekk lejn martu wkoll għaliex kien kapaċi jħenn u jaħfer.

Allura aħna kif ser ngħixu s-sejħa tagħna fil-famlja?

Il-Papa Franġisku, bi kliem siewi u sabiħ ikompli jgħidilna...

> "Iż-żwieġ Nisrani u l-ħajja tal-familja nistgħu nifhmuhom fil-ġmiel u l-attrazzjoni kollha tagħhom jekk ikunu ankrati fl-imħabba ta' Alla, li ħalaqna xbieha tiegħu, biex aħna nistgħu nagħtuh glorja billi nkunu ikoni ta' mħabbtu u tal-qdusija tiegħu fid-dinja. Missirijiet u ommijiet, nanniet, ulied u neputijiet: ilkoll, ilkoll aħna msejħin insibu, fil-familja, il-milja tal-imħabba. Il-grazzja ta' Alla tgħinna ta' kuljum biex ngħixu b'qalb waħda u ruħ waħda."
>
> (Diskors fil-Festa tal-Familji, Dublin, l-Irlanda, 26 ta' Awwissu 2018)

Għajnuna għad-Diskussjoni:

- X'differenza hemm bejn maħfra u rikonċiljazzjoni?
- Meta taħfer tkun qed tinħeles int ukoll. X'inhuma l-iżjed elementi importanti fil-proċess tal-maħfra?
- Għaliex għandi naħfer u nirrikonċilja ma' persuni li għamluli l-ħsara?

Skema - Lulju 2020
Iż-Żwieġ:
L-Isfida taż-Żgħażagħ

Definizzjoni Ġdida taż-Żwieġ

Iż-żgħażagħ tal-lum qed jagħtu tifsira ġdida ta' x'inhu ż-żwieġ. Il-*Pew Research Center* fl-Amerika għamel studju li juri dan li ġej: "Immexxijin mix-xewqa li jikkonċentraw fuq il-karriera, mill-bżonnijiet u mill-iskopijiet personali, mill-ħtieġa li jkollhom pedament finanzjarju aktar sod qabel jiffurmaw familja, u anke waqt li jistaqsu x'inhi t-tifsira vera taż-żwieġ, il-ġenerazzjoni preżenti taż-żgħażagħ qed jagħtu definizzjoni ġdida taż-żwieġ."

L-istess studju jurina li l-età medja tal-ewwel żwieġ fl-Amerika llum hi ta' 29 għan-nisa u 31 għall-irġiel, filwaqt li fl-1965 din kienet 21 għan-nisa u 23 għall-irġiel. (F'Malta, fl-2011, l-età medja taż-żwieġ kienet 28 għan-nisa u 30 għall-irġiel.) L-istudju juri wkoll li numru sinifikanti ta' żgħażagħ, sal-età ta' 40 sena, ser ikunu għadhom ma żżewġux.

Ir-raġunijiet li dan iċ-ċentru ta' riċerka Amerikan qed iġib biex ifisser għaliex iż-żgħażagħ tal-lum qed jipposponu d-data taż-żwieġ tagħhom huma dawn:

- 29% mhux lesti finanzjarjament
- 26% ma sabux xi ħadd ideali għalihom
- 26% iħossuhom żgħar biex jiżżewġu

Xettiċiżmu għall-Istituzzjoni taż-Żwieġ

Inkomplu nikkwotaw l-istess studju Amerikan: Iż-żgħażagħ illum għandhom xettiċiżmu għall-istituzzjoni taż-żwieġ. Dan jista' jkun minħabba li għaddew mill-esperjenza tad-divorzju fil-familji tal-ġenituri tagħhom jew għax jaħsbu li jekk tikkoabita għal ħajtek kollha hi aktar konvenjenti milli tintrabat fi żwieġ. Meta qed idumu aktar biex jiżżewġu, iż-żgħażagħ illum qed jesponu ruħhom għal relazzjonijiet oħra qabel ma jikkommettu ruħhom ma' persuna waħda għal għomorhom. Minħabba l-fatt li storikament iż-żwieġ ifisser rabta legali, ekonomika, reliġjuża u soċjali; jista' jagħti l-każ li ż-żgħażagħ ma jridux bħal jaċċettaw dawn it-tip ta' pressjonijiet fuq ħajjithom. Minflok, iż-żgħażagħ jidhrilhom li r-relazzjonijiet ta' bejniethom huma biss personali, ibbażati fuq l-imħabba u l-impenn, bla ħtieġa li jiġu kkonfermati validi formalment.

Iħarsu Lejn il-Futur

L-istess studju Amerikan jurina li ż-żgħażagħ għandhom sens qawwi ta' identità. Il-fatt li qed jistennew aktar snin jgħaddu qabel jiżżewġu jista' jfisser

li huma jkunu saru aktar stabbiliti bħala adulti qabel jiżżewġu. Mill-banda l-oħra, li jkunu jafu aktar min huma, x'iridu mill-ħajja, u kif ser jaslu biex jibnu ħajjithom, jista' jservihom ta' pedament sod li fuqu jibnu relazzjonijiet aktar b'saħħithom u ta' suċċess b'bażi li aktar jifhmu lil xulxin, b'mogħdrija u solidarjetà.

Referenza għall-istudju Amerikan imsemmi: https://www.gottam.com/blog/millennials-redefining-marriage/

Il-Papa Franġisku dwar iż-Żgħażagħ

Waqt il-katekeżi li l-Papa Franġisku għamel fis-sena 2015 dwar il-familja, hu tkellem ukoll dwar dan is-suġġett. Hu josserva li: "Huwa fatt li n-numru tal-persuni li jiżżewġu qiegħed dejjem jonqos; iż-żgħażagħ ma jridux jiżżewġu. F'ħafna pajjiżi qed jiżdied l-għadd tas-separazzjonijiet, waqt li qed jonqos l-għadd tal-ulied. Id-diffikultà li jibqgħu flimkien - kemm bħala koppja, kemm bħala familja - qed tfarrak ir-rabtiet ta' bejniethom aktar spiss u b'mod aktar mgħaġġel, u huma sewwa sew l-ulied l-ewwel li jġorru l-konsegwenzi ta' dan." (Udjenza Ġenerali tad-29 ta' April 2015)

Il-Kultura tal-Proviżorju

Il-Papa jkompli jgħidilna li ħafna żgħażagħ qed jirrifjutaw l-istess proġett ta' rabta li ma tistax tinħall u tal-familja li tibqa' fit-tul. Il-Papa jemmen li jeħtieġ nirriflettu b'serjetà akbar fuq ir-raġuni għala tant żgħażagħ ma jħossux li għandhom jiżżewġu. Hemm din il-kultura tal-proviżorju... kollox sar proviżorju, donnu m'għad fadal xejn definittiv. Il-Papa jistaqsi: "Għaliex iż-żgħażagħ mhumiex jiżżewġu? Għaliex spiss jippreferu jikkoabitaw? Għaliex ħafna - anke fost l-imgħammdin - ftit jemmnu fiż-żwieġ u fil-familja? Importanti li nippruvaw nifhmu, jekk irridu li ż-żgħażagħ isibu t-triq it-tajba li jridu jimxu fiha."

Jixtiequ Żwieġ b'Saħħtu u Familja Hienja

Il-Papa Franġisku jgħidilna: "Fir-realtà, kważi l-irġiel u n-nisa kollha jixtiequ ċertezza affettiva stabbli, żwieġ b'saħħtu u familja hienja. Il-familja hi fil-quċċata tal-listi kollha ta' x'jixtiequ ż-żgħażagħ. Imma għax jibżgħu li jiżbaljaw, ħafna lanqas biss iridu jaħsbu fil-familja. Anke jekk huma Nsara, ma jgħaddilhomx minn moħħhom iż-żwieġ sagrament." (Udjenza Ġenerali tad-29 ta' April 2015)

FOREVER

Id-Distinzjoni Bejn Għerusija u Żwieġ

Il-Papa jkompli jgħid hekk: "Il-Knisja, fl-għerf tagħha, tħares id-distinzjoni bejn l-għerusija u ż-żwieġ – dawn mhumiex l-istess - u dan proprju fid-dawl ta' kemm hu delikat u profond dan iż-żmien ta' verifika." (Udjenza Ġenerali tas-27 ta' Mejju 2015) Bla dubju, il-kultura u s-soċjetà tal-lum saru pjuttost indifferenti għad-delikatezza taż-żmien tal-għerusija.

L-Għerusija u t-Tħejjija għaż-Żwieġ

Dwar l-għerusija, il-Papa jgħidilna li hi mixja tal-ħajja li trid timmatura bħall-frott, hi triq ta' maturazzjoni fl-imħabba, sal-mument li fih issir żwieġ. Il-Papa jsejjaħ il-korsijiet ta' qabel iż-żwieġ: espressjoni speċjali taż-żmien ta' tħejjija. Jgħid li aħna naraw ħafna koppji li forsi jiġu għall-kors xi ftit kontra qalbhom, imma wara joħorġu kuntenti u jirringrazzjawna, għax fil-fatt hemm ikunu sabu l-okkażjoni - spiss l-unika waħda! - biex jirriflettu fuq l-esperjenza tagħhom f'termini li mhumiex banali. Iva, ħafna koppji jkunu flimkien għal żmien twil, forsi anke f'intimità, xi drabi anke jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed, imma ma jafux tassew lil xulxin. Il-Papa jkompli: "Tidher stramba, imma l-esperjenza turi li hu hekk. Għalhekk ta' min jivvaluta mill-ġdid l-għerusija bħala żmien ta' għarfien reċiproku u ta' qsim ta' proġett... L-għarajjes li jimpenjaw ruħhom, jikbru t-tnejn li huma u dan kollu jwassalhom biex iħejju ċelebrazzjoni sabiħa taż-żwieġ b'mod differenti, mhux b'mod mondan imma b'mod Nisrani!" (Udjenza Ġenerali tad-27 ta' Mejju 2015)

Għajnuna għad-Diskussjoni:

- Taqblu mar-raġunijiet li jikkwota l-istudju Amerikan li juru għala anqas żgħażagħ qed jagħżlu li jiżżewġu u li dawk li jiżżewġu, qed jagħmlu dan aktar tard fil-ħajja?
- Il-Papa Franġisku jsemmi raġunijiet, bħall-esperjenza tas-separazzjonijiet fil-familji. Isemmi wkoll il-kultura tal-proviżorju, u jistaqsi: Għaliex iż-żgħażagħ mhumiex jiżżewġu? Għaliex jippreferu jikkoabitaw? Għaliex anke l-Insara ma jiġix f'moħħhom is-sagrament taż-żwieġ? - Niddiskutu dan.
- Il-Papa jurina li l-għerusija għad hemm postha fil-mixja tal-koppja għaż-żwieġ u jsejħilha "żmien ta' għarfien reċiproku"! Naqblu miegħu?

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

It-tieġ f'Kana (Ġw. 2:1-5, 7-10)

[1]Imbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana
tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm.
[2]Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu
wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu.
[3]Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm
Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid."
[4]U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u
bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha
ma waslitx." [5]Omm Ġesù qalet lill-
qaddejja: "Agħmlu kulma jgħidilkom
hu." [7]Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew
il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom
sax-xifer. [8]Imbagħad qalilhom: "Issa
ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed
jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru
jagħtuhulu. [9]Hu daq l-ilma mibdul fi
nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie,
għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-
ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus [10]u
qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi
l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom
iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int
l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Għajnuna għar-Riflessjoni:

- Ġesù flimkien ma' ommu Marija kienu mistiedna għal tieġ f'Kana. Il-preżenza tagħhom ħalliet effett qawwi fuq il-ħajja tal-koppja li żżewġu! Kemm qed jistednuhom iż-żgħażagħ lil Ġesù u lil Marija biex ikunu magħhom fit-tħejjija għaż-żwieġ u tul l-istess ħajja miżżewġa?
- Nistgħu nistennew li ż-żgħażagħ jistiednu lil Ġesù tul l-għerusija jekk qabel huma ma jkunux għamlu konoxxenza tiegħu f'ħajjithom?
- Kif u meta għandna nwasslu liż-żgħażagħ biex jagħrfu lil Ġesù f'ħajjithom? Tard wisq jekk nagħmlu dan waqt il-Kors ta' Kana?

Ngħixu s-Sejħa Tagħna fil-Familja

Nilqgħu lil Ġesù Ewkaristija fostna (fejn dan ikun possibbli) u ninġabru għat-Talb. Quddiem Ġesù, b'rabta ma' dak li ddiskutejna u rriflettejna dwaru, inħarsu 'l quddiem lejn ħajjitna fi ħdan il-familja u fil-komunità, filwaqt li rressqulu t-talb tagħna.

Skema - Awwissu 2020
Il-Familja hi Mibnija fuq il-Fedeltà għall-Weġħda tal-Imħabba

Il-Wegħda tal-Imħabba

"Jiena nieħu lilek b'marti/żewġi u nwiegħdek li nżomm ruħi fidil/a lejk, fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha."

B'dawn il-kelmiet f'riġlejn l-artal, il-koppji miżżewġin taw kelma lil xulxin quddiem Alla li jgħixu ż-żwieġ tagħhom fidili lejn xulxin u li jħobbu lil xulxin tul ħajjithom kollha. Fil-quddiesa taż-żwieġ, is-saċerdot ilissen dan it-talb lil Alla: "Agħmel, Mulej, li dawn il-qaddejja tiegħek... jgħixu fidili lejn xulxin..." u "jaqsmu bejniethom id-don ta' mħabbtek u jsiru qalb waħda u ruħ waħda..."

Il-Fedeltà fiż-Żwieġ

Il-fedeltà għall-wegħda taż-żwieġ hi meħtieġa biex issaltan l-imħabba bejn il-koppja, u biex jirnexxilhom iżommu ħajja l-fiduċja f'xulxin u jgħixu fil-paċi. Li tgħix il-fedeltà fiż-żwieġ tfisser li taqdi d-dmirijiet tiegħek fiż-żwieġ b'qalb miftuħa. Tfisser li l-koppja jagħtu lilhom infushom lil xulxin u jaċċettaw lil xulxin kif inhuma, filwaqt li jgħixu konxji li jridu jirrispettaw il-kelma li jkunu taw lil xulxin. U tfisser ukoll li l-mara u r-raġel fiż-żwieġ iħossuhom il-ħin kollu magħqudin ħaġa waħda, ġisem wieħed.

Il-fedeltà hi wegħda ta' impenn li ssaħħaħ lilha nfisha, u tikber b'rabta mal-kelma mogħtija. Il-fedeltà hi fiduċja f'xulxin, u tama li jgħożżuha u jikkultivawha flimkien.

Il-Papa Franġisku jgħidilna: "Dari, meta kont tagħmel ftehim, li tieħu b'id il-persuna l-oħra kien ikun biżżejjed, għax il-wegħdiet kienu jinżammu. U anke dan, li hu fatt soċjali, għandu l-għeruq tiegħu fil-familja, fir-raġel li jieħu b'id il-mara biex it-tnejn jimxu flimkien, għal ħajjithom kollha." (Udjenza Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2015)

Iż-Żwieġ ma Jxekkilx il-Libertà

Fi żmienna, li wieħed jonora l-fedeltà għall-wegħda taż-żwieġ donnu ddgħajfet ħafna għax il-libertà li wieħed ifittex is-sodisfazzjon personali tiegħu, liema libertà hi mifhuma ħażin, qed jiġi meqjus bħala prinċipju mhux negozjabbli tal-libertà. Iżda ħadd ma jixtieq li jkun maħbub biss għall-ġid li jippossedi jew b'obbligu. L-imħabba u l-ħbiberija jafu s-saħħa u s-sbuħija tagħhom għall-fatt li jiġġeneraw rabta bla ma jeliminaw il-libertà.

Il-Papa Franġisku jgħidilna li, kontra dak li jaħsbu diversi llum, il-fedeltà fiż-żwieġ ma tisraqniex mil-libertà personali

tagħna, anzi hi kwalità essenzjali fir-relazzjonijiet kollha umani bbażati fuq l-imħabba. "Il-libertà u l-fedeltà mhumiex kontra xulxin" jgħidilna l-Papa. U jżid jgħidilna: "Mingħajr libertà m'hemmx ħbiberija; mingħajr libertà m'hemmx imħabba; mingħajr libertà m'hemmx żwieġ." (Udjenza Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2015)

L-Identità tal-Familja

L-identità tal-familja hi mibnija fuq wegħda. Il-wegħda tal-imħabba bejn ir-raġel u l-mara ġġib magħha r-responsabbiltà li jħobbu lil xulxin, jedukaw lill-ulied, jieħdu ħsieb il-ġenituri anzjani, u jipproteġu u jieħdu ħsieb lill-membri tal-familja l-aktar dgħajfa. B'mod aktar wiesa', il-wegħda taż-żwieġ tiġbor fiha wkoll li l-miżżewġin jaqsmu l-ferħ u t-tbatija tal-missirijiet, tal-ommijiet u tal-ulied kollha, bi ftuħ lejn il-ħajja tal-umanità. Familja li tingħalaq fiha nfisha hi kontradizzjoni għall-istess wegħda tal-imħabba fiż-żwieġ.

Il-Papa jkompli jgħidilna: "Ebda skola oħra ma tista' tgħallem il-verità dwar l-imħabba jekk dan ma tagħmlux il-familja. Ebda liġi ma tista' timponi l-ġmiel u l-wirt ta' dan it-teżor tad-dinjità umana,

“Ebda skola oħra ma tista’ tgħallem
il-verità dwar l-imħabba jekk dan
ma tagħmlux il-familja.”

jekk ir-rabta personali bejn imħabba u tnissil ma tiktbux hi fuq laħamna." (Udjenza Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2015)

Ġieħ Soċjali lill-Fedeltà tal-Imħabba

Il-Papa Franġisku jkompli jgħidilna li hemm bżonn nagħtu lura l-ġieħ soċjali mistħoqq lill-fedeltà tal-imħabba! Hemm bżonn noħorġu fil-beraħ il-miraklu li qed jitwettaq ta' kuljum minn miljuni ta' rġiel u nisa li qegħdin kontinwament inisslu mill-ġdid ir-rabta tal-fedeltà tal-imħabba mal-familja, li minnha kull soċjetà taf l-eżistenza tagħha, bla ma hi tista' tiggarantih bl-ebda mod ieħor. Mhux ta' b'xejn li dan il-prinċipju tal-fedeltà għall-wegħda tal-imħabba u għat-tnissil tal-ħajja hu minqux fil-ħolqien ta' Alla bħala barka dejjiema, li fiha hi fdata d-dinja.

Għajnuna għad-diskussjoni:

- Jekk l-imħabba fiż-żwieġ sagrament hi hekk imbierka, għaliex tant żwiġijiet ma jilħqux l-iskop li Alla xtaq għall-koppji permezz ta' dan is-sagrament?
- Għaliex ifallu tant żwiġijiet?
- X'inhu meħtieġ biex il-koppji miżżewġin jgħixu fidili għall-wegħda taż-żwieġ?
- Kif għandna nissaħħu bħala koppja fil-fedeltà għall-wegħda tal-imħabba ?

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Kristu u l-Knisja mudell għall-miżżewġin
(Efes. 5:21-33)

21Oqogħdu għal xulxin bil-biża' ta'
Kristu. 22Intom in-nisa oqogħdu għal
żwieġkom bħallikieku għall-Mulej,
23għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma
Kristu hu ras il-Knisja, is-salvatur
tal-Ġisem tiegħu. 24Għalhekk, bħalma
l-Knisja toqgħod għal Kristu, hekk
ukoll in-nisa għandhom joqogħdu għal
żwieġhom f'kollox.

25Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa
tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja
u ta ħajtu għaliha. 26U dan għamlu
biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil
tal-ilma u l-kelma 27u biex iressaqha
quddiemu, din il-Knisja, sabiħa, bla
tebgħa, bla tikmixa, bla għajb, u b'xejn
minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir
minn ħadd.

28Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu
n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom

stess. Min iħobb 'il martu jkun iħobb lilu nnifsu. [29]Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja, [30]għax aħna lkoll membri tal-ġisem tiegħu. [31]Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. [32]Dan il-misteru - qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja - huwa kbir! [33]Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha.

Għajnuna għar-Riflessjoni:

- Il-Papa Franġisku jgħidilna: "Jekk San Pawl jista' jistqarr li fir-rabta tal-familja hemm misterjożament irrivelata verità deċiżiva anke għar-rabta tal-Mulej mal-Knisja, dan ifisser li l-Knisja nfisha ssib hawn il-barka tagħha biex tħarisha. Il-fedeltà tagħna għall-wegħda hi dejjem fdata lill-grazzja u l-ħniena t'Alla. L-imħabba għall-familja tal-bnedmin, fir-risq it-tajjeb u l-ħażin, hi punt ta' ġieħ għall-Knisja! Ħa jagħtina Alla l-grazzja li nwieġbu kif imiss għal din il-wegħda." (Udjenza Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2015)
- Biex nifhmu kif ir-relazzjoni bejn Kristu u l-Knisja hi mudell għall-miżżewġin, irridu nirriflettu li bħala Nsara aħna għażilna lil Kristu. Dan ifisser li aħna l-miżżewġin irridu nimxu warajh billi nservu lil xulxin u mmutu għal xulxix.
- Il-qofol tal-għaqda sħiħa ta' Kristu mal-Knisja hu fl-Ewkaristija. L-Ewkaristija mhix devozzjoni iżda bżonn għall-għajxien tagħna l-Insara. Il-quddiesa ħarġet minn ikla tal-ewwel Insara meta kienu jiltaqgħu flimkien bħala familja. L-Ewkaristija hi bżonn għall-familja daqs l-ikel ta' kuljum.
- Biex il-miżżewġin jgħixu bħala ġisem wieħed iridu jaqsmu ħajjithom kollha, anke l-ħajja tagħhom f'għaqda ma' Kristu (il-ħajja spiritwali).

Ngħixu s-Sejħa Tagħna fil-Familja

Nilqgħu lil Ġesù Ewkaristija fostna (fejn dan ikun possibbli) u ninġabru għat-Talb. Quddiem Ġesù, b'rabta ma' dak li ddiskutejna u rriflettejna dwaru, inħarsu 'l quddiem lejn ħajjitna fi ħdan il-familja u fil-komunità, filwaqt li rressqulu t-talb tagħna.

Skema - Settembru 2020
L-Għożża u l-Għerf tan-Nanniet

Is-suġġett tan-nanniet il-Papa Franġisku ttrattah f'żewġ Udjenzi Ġenerali bit-tema *Katekeżi tal-Papa dwar Il-Familja – In-Nanniet*. Dawn il-katekeżi nżammu fl-4 u l-11 ta' Marzu tal-2015, u huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Laikos (http://www.laikos.org/FR1-Udjenzi.htm). Saru wkoll referenza għalihom minn artiklu Amerikan li jismu *Grandparents: Models, Mentors and Memory-Makers* miktub minn Deacon Gary u Kay Aitchison, u jinstab fuq is-sit elettroniku (http://www.foryourmarriage.org/grandparents-models-mentors-and-memory-makers/). Il-Papa tkellem fuq il-progress tal-mediċina li bis-saħħa

t'hekk twalet il-ħajja, imma fl-istess ħin is-soċjetà ma wessgħetx qalbha għall-ħajja. L-għadd tal-anzjani rdoppja imma r-rispett lejhom ma mexiex bl-istess pass. Meta nkunu żgħar ma naħsbux li xi darba ħa naslu hemm aħna wkoll, ninjorawh dan il-fatt. Meta mbagħad nixjieħu aħna, speċjalment jekk inkunu foqra, jekk inkunu morda u waħidna, induqu aħna stess il-lakuni ta' soċjetà programmata fuq l-effiċjenza, li konsegwentement tinjora lill-anzjani. U l-anzjani huma aħna!

Il-Papa Benedittu XVI uża kliem ċar u profetiku, meta qal: "Il-kwalità ta' soċjetà, irrid ngħid ta' ċiviltà, tiġġudikaha anke minn kif huma ttrattati l-anzjani, u mill-post miżmum għalihom fil-ħajja komuni." Hu minnu, l-attenzjoni għall-anzjani tagħmel differenza fiċ-ċiviltà. Nistaqsu: f'ċiviltà, hemm attenzjoni u post għall anzjani? Fejn m'hemmx, din is-soċjetà ġġorr magħha l-marda tal-mewt. Il-Papa Franġisku jsejħilha kultura tal-iskart. (Udjenza Ġenerali 4 ta' Marzu 2015)

Fil-ministeru tiegħu fi Buenos Aires, il-Papa Franġisku miss b'idejh din ir-realtà kerha, diversi anzjani, ġenituri u nanniet, minsija u abbandunati, għal xhur twal, flok li s-soċjetà żżommhom bħala r-riserva tal-għerf għall-popli tagħha, kif fil-fatt huma! Meta m'hemmx imħabba, kemm isir aktar faċli nraqqdu l-kuxjenza tagħna! Hu hekk qed jiġri. Dan hu dnub mejjet! Ma ninsewx li dak li niżirgħu, naħsdu, u xi darba għad jafu jagħmlu lilna hekk ukoll! Nafu b'diversi stejjer li jgħallmuna u jiftħulna għajnejna fuq dan is-suġġett.

Fit-tradizzjoni tal-Knisja hemm bagalja ta' għerf li dejjem żammet ħajja kultura ta' qrubija lejn in-nanniet u l-anzjani tagħna. Dispożizzjoni għall-akkumpanjament mimli mħabba u solidali f'din l-aħħar fażi tal-ħajja. Din it-tradizzjoni għandha l-bażi tagħha fl-Iskrittura Mqaddsa, kif, ngħidu aħna, juruna dawn l-espressjonijiet mill-Ktieb ta' Bin Sirak: "Tonqosx tagħti kas ta' kliem ix-xjuħ, għax huma wkoll tgħallmu mingħand missirijiethom; mingħandhom titgħallem tkun bil-għaqal, u meta *jinħtieġ, tkun tista' tagħti tweġiba.*" (Sir. 8:9)

Il-Knisja ma tistax, u ma tridx taqa' għall-mentalità ta' nuqqas ta' sabar, u wisq inqas ta' indifferenza u ta' disprezz fil-konfront tax-xjuħija. Jeħtieġ inqajmu mill-ġdid is-sens kollettiv ta' gratitudni, apprezzament u ta' ospitalità, li lil min hu anzjan jagħmlu jħossu parti mill-komunità tiegħu.

Niddiskutu fil-Grupp:

X'inhuma dawk l-affarijiet jew esperjenzi li rċevejna mingħand l-anzjani u li għandna nħossuna grati lejhom?

L-anzjani huma rġiel u nisa, missirijiet u ommijiet, u nanniet, li kienu diġà qabilna fl-istess triq tagħna, fid-dar tagħna, fil-ġlieda tagħna ta' kuljum għal ħajja xierqa. Huma rġiel u nisa li mingħandhom irċevejna ħafna. L-anzjan mhux aljen. Jekk mhux diġà aħna anzjani, minn hawn u ftit żmien ieħor l-anzjani nkunu aħna! Għalhekk, dak li rridu lilna, nagħmluh ma' ħaddieħor!

Ix-xjuħ kollha kemm huma xi ftit dgħajfin, xi wħud huma aktar minn oħrajn u jkollhom bżonn ħafna attenzjoni li taf tkun indispensabbli. Lil dawn ser nitilquhom għal riħhom? Soċjetà li ma tafx tkun qrib u ma tafx tħobb, hi soċjetà perversa. Il-Knisja, fidila għall-Kelma ta' Alla, ma tistax tippermetti din it-triq tanniżla. Komunità Nisranija li ma tħobbx, titlef ruħha. Fejn m'hemmx ġieħ għall-anzjani m'hemmx futur għaż-żgħażagħ.

Għaliex fejn m'hemmx ġieħ għall-anzjani m'hemmx futur għaż-żgħażagħ?

Il-Papa Franġisku jagħmel diversi riflessjonijiet fuq in-nanniet għax hu jħossu wieħed minnhom. Hekk sellmulu l-Filippini waqt żjara f'arthom - "Lolo Kiko" - jiġifieri Nannu Franġisku. Il-Papa jtenni li qabel xejn importanti nagħfsu fuq ħaġa: hu minnu li s-soċjetà tfittex teħles minna, imma żgur li l-Mulej le! Il-Mulej qatt ma jarmina. Hu jeħlisna biex nimxu warajh f'kull età tal-ħajja, u anke "l-anzjanità fiha grazzja u missjoni, vokazzjoni vera tal-Mulej." L-anzjanità hi vokazzjoni. "Għadu ma wasalx iż-żmien li niġbdu x-xbieki għal ġod-dgħajsa." Is-soċjetajiet tagħna mhumiex lesti, spiritwalment u moralment, biex lil dan il-mument tal-ħajja jagħtuh il-valur sħiħ tiegħu. L-ispiritwalità Nisranija nqabdet xi ftit fuq sieq waħda, hemm bżonn li jkollna spiritwalità, ta' irġiel u nisa anzjani. Imma għall-grazzja ta' Alla ix-xhieda ta' qaddisin ta' ġenituri u nanniet ma tonqosx!
(Udjenza Ġenerali 11 ta' Marzu 2015)

Il-Papa jirreferi wkoll għall-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju minn Marija u Ġużeppi. Fil-preżenza ta' Ġesù, imnebbħin mill-Ispirtu Santu, ix-xwejjaħ Xmuni u l-profetessa Anna għarfu li din

it-tarbija kienet il-Messija li tant talbu li jarawh qabel imutu. Ġabitilhom ferħ kbir. Hekk ukoll jinbidlu ħafna drabi n-nanniet mal-miġja ta' tarbija ġdida fil-familja. Ħajjithom tinqaleb ta' taħt fuq b'ferħ liema bħalu. Jerġgħu jixxettlu u jimtlew b'entużjażmu ġdid, issa ħajjithom imtliet u tagħti fiha aktar sens. Hu don kbir u għana għall-Knisja, it-talb tan-nanniet u tal-anzjani! Injezzjoni kbira ta' għerf anke għas-soċjetà umana kollha kemm hi; soċjetà wisq imħabbta, wisq medhija, wisq aljenata. Xi ħadd irid iħabbar u jwassal is-sinjali ta' Alla, u jitlob għalihom.

Bl-imħabba kollox jintrebaħ. Huwa fatt magħruf li t-tiswir tal-karattru tajjeb jintiseġ mill-imħabba li tinsab fi ħdan kull familja. In-nanniet huma ingredjent importanti u speċjali u jikkumplimentaw il-pożittività tal-familja. In-nanniet għandhom doni u stili uniċi kif jittrasmettu l-imħabba lin-neputijiet. Min-naħa l-oħra, in-neputijiet għandhom wirt kbir x'jakkwistaw mingħand in-nanniet f'dak li huwa għaqal, talenti, għerf, esperjenzi, attitudnijiet u diversi doni oħra. In-nanniet juru kif in-neputijiet jitilgħu b'valuri għoljin, ċittadini tajbin, xhieda ħajja tat-twemmin tagħhom, u mudelli tajbin għall-futur.

Niddiskutu fil-grupp il-paragrafu li għadna kif qrajna.

In-nanniet jafu jkunu sur ta' mħabba u refuġju speċjalment meta l-ġenituri jkunu qed jikkoreġu t-tfal. Tara l-ħlewwa taċ-ċkejknin, imorru jiġru għand in-nanna jew in-nannu jittamaw li jaqbżu għalihom. Wieħed umorista darba qal li r-raġuni l-għala n-nanniet u n-neputijiet jinġiebu daqshekk hi, għax dawk li jridu jagħmlu l-kontijiet magħhom huma komuni!

L-età tkabbar il-virtù tal-paċenzja. Ħafna drabi n-nanniet għandhom il-ħin, li bil-paċenzja u ħafna mħabba jisimgħu lin-neputijiet itennu l-problemi tagħhom. Kapaċi wara kollox il-problemi ma jkunux daqshekk kbar, imma għalihom ma kinux qed jaraw soluzzjoni. Minħabba l-ħajja mgħaġġla tal-lum, il-ġenituri m'għandhomx ħin għalihom infushom aħseb u ara kemm jibqgħalhom ħin għat-tfal tagħhom, l-aktar jekk it-tnejn li huma għandhom aktar minn impjieg wieħed. Hawn fejn in-nanniet ikunu forċina kemm għan-neputijiet kif ukoll għall-ġenituri.

l-influwenza tan-nanniet tħejji u tesponi lin-neputijiet għal diversi sitwazzjonijiet

tal-ħajja u tgħallimhom jirrispetaw l-opinjonijiet tal-oħrajn, f'diversi stadji, etajiet u ċirkustanzi varji tal-ħajja.

In-nanniet qatt ma għandhom jagħmlu preferenzi. Qatt ma għandhom jidħlu bejn il-ġenituri speċjalment f'każi ta' tilwim. Millbanda l-oħra n-neputijiet qatt ma għandhom jintużaw bħala arma ta' rikatt kontra l-istess nanniet, a skapitu ta' xi aġendi jew raġunijiet negattivi tal-ġenitur jew ġenituri.

In-nanniet ħafna drabi ssib li huma ħassieba, għalliema u mudelli dedikati, moderaturi mill-aqwa, b'għan wieħed; imħabba vera u bla limitu għan-neputijiet u t-tfal tagħhom. Tarahom jilagħbu maddar kollha, dak il-ħin jinsew l-uġigħ li jkollhom 'l hemm u 'l hawn!

Kemm hi ħaġa sabiħa tara nanniet juru l-għeżież tagħhom iħawdu xi ħaġa tal-ikel, jgħallmuhom jaħdmu s-suf jew bizzilla, jibnu gaġeġ tal-għasafar, jippreparaw għas-sajd, jew jipprattikaw xi sport. Xi nanniet jgħinu n-neputijiet filhomeworks, jew jgħallmuhom strument mużikali. Oħrajn iħarrġuhom fix-xogħol tad-dar u ħidmiet oħra.

Issib neputijiet li aktar jifthu qalbhom man-nanniet milli mal-ġenituri, għax isibu aktar komprensjoni, refuġju u spalla fihom.

Kemm jistgħu jkunu strumentali n-nanniet! Lin-neputijiet kapaċi jibnulhom imħażen ta' memorji sbieħ mit-tfulija 'l quddiem, sakemm il-Mulej jagħtihom l-għomor.

Kemm hu sew kieku t-tfal kollha taddinja jkollhom ix-xorti li jgħaddu l-ewwel snin ta' ħajjithom ma' nanniet pożittivi, ferrieħa, ta' twemmin u karattru sod. Kieku d-dinja tkun ħafna aħjar! Ħasra li l-progress ħafna drabi jeqred dan l-istil ta' trobbija li n-nanniet kienu midħla tiegħu fiż-żgħożija tagħhom.

Għajnuna għar-Riflessjoni:

- Is-soċjetà hawn Malta llum, kif tħares lejn l-anzjani u n-nanniet? Fittradizzjoni tagħha x'tgħallem il-Knisja dwar in-nanniet?
- Għadhom jitqiesu bħala fond ta' għerf u esperjenzi li jistgħu jkunu ta' għajnuna fil-ħajja mgħaġġla tal-lum?
- L-età spiss iġġib magħha xi diżabbiltajiet u sfidi oħra fl-anzjani. Jibqgħu jsibu appoġġ, jew jinbidlu f'piż li naraw kif u fejn ħa neħilsu minnhom?
- Meta m'hemmx imħabba, kemm isir aktar faċli nraqqdu l-kuxjenza tagħna. Taqblu li din l-ideoloġija sseħħ?

Skema - Ottubru 2020
Fejn hu Ħuk?

Bi tweġiba għal dak li kien qal il-Prim Ministru Ingliż Disraeli, li "hemm tliet kwalitajiet ta' gideb: il-gideb, il-gideb sfaċċat u l-istatistiċi", il-kittieb Amerikan Mark Twain (1835-1910), qal li "l-istatistiċi ma jigdbux." Dawn li ġejjin huma ftit statistiċi li b'mod jew ieħor jixħtu dawl fuq il-qagħda tal-familja Maltija llum. (Naqrawhom mingħajr ma niddiskutuhom).

- L-istatistiċi għas-sena 2018 jindikaw li mill-għadd totali ta' żwiġijiet iċċelebrati f'Malta bejn koppji Maltin u bejn Maltin ma' barranin, 66% (jiġifieri 1,119) għażlu żwieg bil-Knisja, filwaqt li 34% (jiġifieri 573), iżżewġu ċivilment.
- Sadanittant, matul l-istess sena 2018, kien hemm total ta' 1,358 koppji li talbu s-separazzjoni, li minnhom 1,311 f'Malta u 47 f'Għawdex (tagħrif mogħti mill-Ministru tal-Ġustizzja).
- Il-YMCA Valletta rrappurtaw li matul l-2018, kien hemm 191 persuna li għamlu użu regolari mix-xelters tagħhom. Żiedu jgħidu li l-istatistiċi lokali dwar persuni bla saqaf fuq rashom, ma jinkludux lil dawk il-persuni li jgħixu f'xi karozza jew fi djar abbandunati.
- L-ewwel studju xjentifiku nazzjonali li sar mill-Fakultà Għall-Ħarsien Soċjali tal-Università ta' Malta (2019), juri li tnejn minn kull ħames Maltin ibatu minn xi tip ta' solitudni, emozzjonali jew soċjali. Terz ta' dawk li ħadu sehem fl-istudju, wieġbu 'iva' jew 'xi ftit jew wisq' għall-mistoqsija jekk iġarrbux sens ġenerali ta' vojt f'ħajjithom.
- Minn tagħrif mogħti fil-Parlament, fl-2018 kienu rrappurtati 1,341 każ ta' vjolenza domestika (inkluż vjolenza ta' wlied fuq ġenituri).
- L-aħħar ċensiment (2017) dwar l-attendenza għall-Quddies tal-Ħadd juri li din niżlet għal 36.1% tal-popolazzjoni Kattolika ta' Malta (ta' dawk obbligati jattendu).
- Quddiem dawn il-figuri u statistiċi, nistgħu nieħdu attitudnijiet diversi. Nistgħu ngħidu li lill-familja tagħna ma jinteressawhiex. Nistgħu nħossuna komdi kif aħna fil-familja tagħna (u fil-grupp tagħna tal-GFN). Nistgħu ngħidu li huma biss logħob bin-numri. Inkunu qed ninsew li wara kull numru, hemm persuna u wara kull persuna hemm, b'mod jew ieħor, familja

milquta. Il-biċċa l-kbira tal-persuni f'dawn l-istatistiċi huma mgħammdin, għamlu l-Ewwel Tqarbina u rċevew il-Griżma tal-Isqof. Uħud minnhom għamlu l-Kors ta' Kana qabel iżżewġu. Illum jinsabu b'xi mod miġruħa, imħarbtin, imtaqqlin, waħidhom. U aħna? Nistgħu nagħlqu għajnejna? Nistgħu nirrassenjaw ruħna u ngħidu "m'hemmx x'tagħmel" jew "mhix biċċa tagħna"? Għalina l-aqwa li fil-familja tagħna kollox miexi sew?

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Naqraw bil-mod is-siltiet li ġejjin u niddiskutu u naraw kif jistgħu jgħinuna nwieġbu għall-mistoqsijiet li għadna kemm għamilna.

Kajjin (Ġen. 4:9-10, 16)

9U l-Mulej qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk Abel?" U hu wieġbu: "Ma nafx. Jaqaw jien għassies ta' ħija?" 10U l-Mulej wieġbu: "X'għamilt? Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjatli mill-art." ... 16U Kajjin ħareġ minn quddiem il-Mulej u mar jgħammar f'art Nod, fuq il-lvant tal-Għeden.

Marija żżur lil Eliżabetta (Lq. 1:39-40, 56)

39F'dawk il-ġranet, Marija qamet u marret tħaffef lejn il-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. 40Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta ... 56U Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha.

It-tieġ ta' Kana (Ġw. 2: 1, 3-5)

1Imbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. 3Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." 4U Ġesù qalilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu, mara? Is-siegħa tiegħi għada ma waslitx." 5Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kulma jgħidilkom hu."

"L-ibliet tagħna saru
dežert minħabba li
naqset l-imħabba,
għebet it-tbissima."

Niddiskutu fil-grupp din is-silta:

Il-patt tal-familja ma' Alla llum huwa msejjaħ ikun f'kuntrast mad-dežertifikazzjoni komunitarja tal-belt moderna. Imma l-ibliet tagħna saru dežert minħabba li naqset l-imħabba, għebet it-tbissima. Tant divertiment, tant affarijiet biex naħlu l-ħin fihom, biex indaħħku, imma naqset l-imħabba. It-tbissima ta' familja kapaċi tegħleb din id-dežertifikazzjoni tal-ibliet tagħna. U din hi r-rebħa tal-imħabba tal-familja. L-ebda inġinerija ekonomika u politika ma tista' tieħu post dan is-sehem li għandhom x'jagħtu l-familji. Il-proġett ta' Babel jibni torrijiet m'ogħla s-sema, imma bla ħajja. L-Ispirtu ta' Alla, mill-banda l-oħra, iwarrad id-dežert. (ara Iż. 32:15) Hemm bżonn noħorġu mit-torrijiet u mill-kmamar imbarrati tal-elite, biex nerġgħu nibdew nidħlu fid-djar u l-wesgħat miftuħa tal-kotra, miftuħa għall-imħabba tal-familja. (Papa Franġisku, Udjenza Ġenerali, 02/09/2015).

- Xi tfisser id-dežertifikazzjoni tal-bliet tagħna?
- Taħseb li għadna nafu nitbissmu llum fil-familji tagħna?
- Illum sirna barranin għal xulxin. Fl-appartamenti tagħna ħadd ma jaf lil ħadd. Il-Papa jħeġġiġna biex noħorġu mit-torrijiet u mill-kmamar imbarrati tagħna biex nerġgħu nibdew nidħlu fid-djar. X'ifisser dan?

Riflessjonijiet oħra mit-tagħlim tal-Papa Franġisku

- L-imħabba bejn l-aħwa hi ħaġa kbira, meta wieħed jaħseb li l-aħwa kollha għexu fil-ġuf tal-istess omm għal disa' xhur, ħarġu minn ġisem l-istess omm! U ma tistax tkissirha din ir-rabta tal-aħwa. Naħsbu ftit: kollha nafu familji li għandhom l-aħwa mifruda bejniethom, li huma miġġildin; nitolbu lill-Mulej għal dawn il-familji – forsi fl-istess familja tagħna hemm xi każi – biex jgħinhom jerġgħu jgħaqqdu l-aħwa bejniethom, jibnu mill-ġdid il-familja. Ir-rabta tal-aħwa m'għandha qatt tiġi mxellfa, u meta tixxellef, iseħħ dak li seħħ lil Kajjin u Abel. (Udjenza Ġenerali, 18/02/2015)
- Aħna stess għarafna, u għadna nagħrfu, x'mirakli jistgħu jseħħu meta omm ikollha ħarsa u attenzjoni, dedikazzjoni u għożża għall-ulied ta' ħaddieħor, barra għal dawk tagħha. (Udjenza Ġenerali, 11/11/2015)

- Familja magħluqa fiha nfisha, ma tagħmilx ġieħ lill-Evanġelju u ġġib nixfa fid-dinja. (Udjenza Ġenerali, 18/11/2015)

Nagħmlu ftit mumenti ta' talb fis-skiet għal dak li qed jgħidilna l-Papa.

Għaliex?

Meta tieħu sehem fl-Ewkaristija, il-familja tiġi msoffija mit-tentazzjoni li tingħalaq fiha nfisha, imqawwija fl-imħabba u fil-fedeltà, u twessa' l-konfini tal-fraternità tagħha skont il-qalb ta' Kristu. M'hemmx ċkejknin, iltiema, dgħajfa, bla difiża, miġruħa u deluż, qalbhom maqtugħa u abbandunati, li l-konvivjalità Ewkaristika tal-familji ma tistax titmagħhom, tirrestawrahom, tħarishom u tilqagħhom. (Papa Franġsiku, Udjenza Ġenerali, 11/11/2015)

Dan għaliex meta l-familja tieħu sehem fl-Ewkaritija, issir hi stess Ewkaristija jiġifieri tingħata għall-oħrajn.

Għajnuna għar-Riflessjoni:

Din il-familja wiesgħa (jiġifieri ġenituri, ulied, qraba) għandha tilqa' b'ħafna mħabba lit-tfajliet ommijiet, it-tfal bla ġenituri, in-nisa waħidhom li jkollhom ikomplu jedukaw lil uliedhom, il-persuni b'diżabbiltà li jridu ħafna mħabba u qrubija, iż-żgħażagħ li qed jissieltu kontra xi vizzju, il-persuni mhux miżżewġa, dawk separati jew romol li jbatu mis-solitudni, l-anzjani u l-morda li m'għandhomx l-appoġġ ta' wliedhom... Tista' wkoll tgħin u tagħmel tajjeb għad-dgħufija tal-ġenituri, jew biex tiskopri u tirrapporta fil-ħin sitwazzjonijiet ta' vjolenza jew anke ta' abbuż fuq it-tfal. (Papa Franġisku, *Amoris Lætitia*, para. 197)

- Taħseb li għandna għodda (skills) biżżejjed biex nagħmlu dak li qed jgħidilna l-Papa? Jekk le, x'taħseb li għandhom ikunu dawn l-għodda?
- Fid-dawl tas-siltiet li qrajna u tar-riflessjonijiet/diskussjoni li għamilna fuqhom, naraw jekk, kemm bħala koppji individwali u kemm bħala grupp, nistgħux inwettqu xi ħidma prattika favur familji oħrajn li jinsabu mtaqqlin u miġruħin minħabba ċ-ċirkustanzi. Nibdew billi nżommu lil dawn il-familji fit-talb tagħna.

Skema - Novembru 2020
Il-Familja – Niket u Luttu

Se nagħtu bidu għal din il-laqgħa billi naqraw silta mill-Evanġelju ta' San Luqa. Illum se nitnebbħu direttament mill-episodju rrakkuntat mill-Evanġelista Luqa. Hi xena li tqanqalna ħafna, li turina l-ħniena ta' Ġesù għal min qed ibati – f'dan il-każ l-armla li tilfet lil binha l-waħdieni – u turina wkoll il-qawwa ta' Ġesù fuq il-mewt.

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma ta' Alla

Ġesù jqajjem lil bin l-armla ta' Najn mill-mewt (Lq. 7:11-17)

[11]Wara dan imbagħad mar f'belt
jisimha Najn, u marru miegħu
d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies.
[12]Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu
qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu,
mara armla, ma kellhiex ħliefu; u
magħha kien hemm għadd ġmielu
ta' nies mill-belt. [13]Kif raha l-Mulej
ħassarha. "Tibkix" qalilha. [14]Resaq, u
mess it-tebut. Dawk li kienu qegħdin
jerfgħuh waqfu. U hu qal: "Żagħżugħ,
qiegħed ngħidlek, qum." [15]U l-mejjet
qam bilqiegħda u beda jitkellem. U
Ġesù tah lil ommu. [16]In-nies kollha
tkexkxu bil-biża', u bdew jagħtu glorja
lil Alla u jgħidu: "Profeta kbir qam
fostna," u "Alla żar il-poplu tiegħu."
[17]U dan il-kliem li qalu xtered mal-
Lhudija u dawk l-inħawi kollha.

Il-mewt hi esperjenza li tolqot il-familji kollha, bla ebda eċċezzjoni. Tagħmel parti mill-ħajja. Madankollu, meta tmiss ir-relazzjonijiet fil-familja, il-mewt qatt ma jirnexxilna narawha bħala ħaġa naturali.

Għall-ġenituri, li wliedhom imutu qabilhom hi ħaġa ta' tbatija kbira, li tmur kontra n-natura bażika tar-relazzjonijiet li jagħtu sens lill-istess familja. It-telfa ta' iben jew ta' bint hi bħallikieku ż-żmien waqaf: jinfetaħ abbiss li jibla' fih il-passat u anke l-futur. Il-mewt, li taħsad il-ħajja tal-iben żgħir jew żagħżugħ, hi daqqa ta' ħarta għall-wegħdiet, id-doni u s-sagrifiċċji ta' mħabba mogħtija b'ferħ għall-ħajja li nkunu wellidna. Forsi ġieli ltqajna ma' ġenituri li għaddew minn din l-esperjenza u bir-ritratt tat-tifel, tifla, tarbija, ġuvni, xebba, jgħidulek: "Telaq"; "Telqet"! U l-ħarsa li tilmaħ fihom, iġġorr fiha tant niket. Il-mewt tmiss il-qalb, u meta tkun ta' iben jew bint, tmiss ġewwa nett. Il-familja kollha tibqa' qisha msammra, imbikkma u bla kliem.

U xi ħaġa tixxiebah iġarrab ukoll tifla jew tifel li jibqa' waħdu, minħabba t-telfa


“Il-mewt hi esperjenza li tolqot il-
familji kollha, bla ebda eċċezzjoni.
Tagħmel parti mill-ħajja.”

ta' ġenitur, jew tat-tnejn li huma. Dik il-mistoqsija: "Imma fejn hu l-pa?"; "Fejn hi l-ma?" – "Qiegħda l-ġenna" – "Imma għaliex m'iniex naraha?" Taħt din il-mistoqsija hemm is-swied il-qalb ta' tifla jew tifel li jsib ruħu waħdu. Il-vojt tat-telfa li jinfetaħ fih iweġġa' ħafna iktar għax lanqas għandu esperjenza biżżejjed biex 'jagħti isem' lil dak li jkun ġara. "Meta ġej lura l-pa?"; "Meta ħa tiġi lura l-ma?" X'nistgħu nwieġbu meta naraw tfal ibatu? Hekk hi l-mewt fil-familja.

Għajnuna għad-Diskussjoni:

- F'dawn il-każi l-mewt hi bħal ħofra sewda li tinfetaħ fil-ħajja tal-familji u li ma nafux nagħtu spjegazzjoni għaliha. U xi drabi naslu biex anke nixħtu t-tort fuq Alla. Imma kemm nies jinkorlaw ma' Alla! "Għaliex ħadtli lil ibni, lil binti?"; "M'hemmx Alla, Alla ma jeżistix!"; "Għaliex għamlilna hekk?" Kemm drabi smajnieha din! X'taqbad twieġeb?
- Imma din ir-rabja xi ftit jew wisq ħierġa minn għafsa kbira ta' qalb; it-telfa ta' iben jew bint, tal-missier jew tal-omm, hi għafsa kbira ta' qalb. Dan iseħħ kontinwament fil-familji. F'dawn il-każi, il-mewt hi kważi bħal toqba kbira. X'għandha tkun l-imġiba tagħna meta sitwazzjonijiet bħal dawn iseħħu fil-familja tagħna jew familja ħabiba tagħna?

Mit-Tagħlim tal-Papa Franġisku

(Udjenza Ġenerali 17/06/2015)

Imma l-mewt tal-ġisem għandha 'kompliċi' magħha li huma agħar minnha, u li jisimhom mibegħda, għira, suppervja, xeħħa; insomma, id-dnub tad-dinja li jaħdem b'risq il-mewt u jagħmilha iktar iebsa u inġusta. Ir-relazzjonijiet ta' mħabba fil-familja jidhru bħala l-vittmi predestinati u bla saħħa ta' dawn il-potenzi awżiljarji tal-mewt, li jsieħbu l-istorja tal-bniedem. Naħsbu fin-'normalità' assurda li biha, f'xi mumenti u f'xi postijiet, il-ġrajjiet li jżidu mal-kruha tal-mewt huma pprovokati mill-mibegħda u mill-indifferenza ta' bnedmin oħra. Ħa jeħlisna l-Mulej milli nidraw dan!

Fil-poplu ta' Alla, bil-grazzja tal-ħniena tiegħu mogħtija lilna f'Ġesù, ħafna familji juru bil-fatti li l-mewt m'għandhiex l-aħħar kelma: dan hu tassew att ta' fidi. Kull darba li l-familja li tinsab f'luttu – anke terribbli – issib il-qawwa li tħares il-

fidi u l-imħabba li jgħaqqduna ma' dawk li nħobbu, hi diġà minn issa ma tkunx tħalli lill-mewt teħdilha kollox. Id-dalma tal-mewt irridu naffrontawha b'ħidma ikbar ta' mħabba. "Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi", hi l-invokazzjoni tal-liturġija ta' filgħaxija. Fid-dawl tal-Qawmien tal-Mulej, li ma jitlaq lil ħadd minn dawk li l-Missier fdalu, nistgħu nneħħu lill-mewt in-"niggieża" tagħha, kif qalilna l-Appostlu Pawlu. (1 Kor. 15:55) Nistgħu ma nħalluhiex tivvelenalna ħajjitna, iġġib fix-xejn l-imħabbiet tagħna, twaqqagħna f'vojt iktar mudlam.

B'din il-fidi, nistgħu nfarrġu lil xulxin, għax nafu li l-Mulej rebaħ fuq il-mewt darba għal dejjem. L-għeżież tagħna ma ntilfux fid-dalma tax-xejn: it-tama tiżgurana li huma jinsabu fi ħdan id-dirgħajn twajba u qawwija ta' Alla. L-imħabba hi aqwa mill-mewt. Għalhekk it-triq li rridu nimxu hi dik li nkabbru l-imħabba, insaħħuha, u l-imħabba tħarisna hi sa dak il-jum li fih kull demgħa tiġi xxuttata, meta "ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed." (Apok. 21:4) Jekk nitwieżnu b'din il-fidi, l-esperjenza ta' luttu tista' toħloq solidarjetà akbar tar-rabtiet familjari, ftuħ ġdid għat-tbatija tal-familji l-oħra, fraternità ġdida mal-familji li jitwieldu mill-ġdid fit-tama. Titwieled u twelled mill-ġdid fit-tama, dan hu li tagħtik il-fidi. Fl-Evanġelju li qrajna fil-bidu, wara li Ġesù jreġġa' lura lil dan iż-żagħżugħ għall-ħajja, bin dik l-omm li kienet armla, l-Evanġelju jgħidilna: "Ġesù tah lil ommu." (Lq. 7:15) U din hi t-tama tagħna! L-għeżież kollha tagħna li ħallewna, il-Mulej se jroddhomlna lura u għad nerġgħu niltaqgħu magħhom. Din it-tama ma tqarraqx bina! Niftakruh sew dan il-ġest ta' Ġesù – tah lura lil ommu – u hekk għad jagħmel il-Mulej mal-għeżież kollha tal-familja tagħna!

Illum jeħtieġ li r-Ragħajja u l-Insara kollha jesprimu b'mod iżjed konkret is-sens tal-fidi quddiem l-esperjenzi familjari ta' luttu. M'għandniex inċaħħduhom mid-dritt li jibku – fil-luttu hemm bżonn nibku – anke Ġesù "beka" u "tħawwad ħafna" għal-luttu ta' familja li kien iħobb. (Ġw. 11:33-37) Pjuttost messna nitgħallmu mix-xhieda sempliċi u qawwija ta' tant familji li, fil-passaġġ hekk iebes tal-mewt, għarfu jitwaħħdu mal-mogħdija żgura tal-Mulej, mislub u rxoxt, bil-wegħda irrevokabbli tiegħu tal-qawmien mill-imwiet. Ħidmet l-imħabba ta' Alla hi aqwa minn ħidmet il-mewt. Hi dik tal-imħabba, hi sewwasew ta' dik l-imħabba li tagħha għandna nkunu 'kompliċi' ħabrieka, bil-fidi tagħna! Hi dik l-imħabba mirbuħa mis-salib ta' Ġesù. Ġesù jagħtina lura lil kulħadd f'familja waħda!" Għan-Nisrani l-mewt hija dak il-pont li rridu ngħaddu minn fuqu sabiex immorru ngawdu lil Ġesù fil-ġenna għal dejjem. Il-ħajja għan-Nisrani ma tmutx imma tinbidel u jasal il-waqt meta, bħal Kristu rxoxt, ikollna ġisem glorjuż.

Għajnuna għar-Riflessjoni:

- Kif għandna nġibu ruħna quddiem l-esperjenza ta' telfa ta' xi ħadd għażiż għalina?
- Fil-luttu hemm bżonn nibku qalilna l-Papa Franġisku. Anke Ġesù beka quddiem il-qabar tal-ħabib tiegħu Lazzru. Kemm issibha faċli jew diffiċli għalik li tibki?
- Fir-rakkont tal-funeral ta' Najn li qrajna fis-silta tal-lum, Ġesù ta lura lil ommu lil dak l-uniku iben tagħha. Temmen li aħna għad nerġgħu niltaqgħu flimkien fil-qawmien mill-imwiet?

Skema - Diċembru 2020
Ngħixu l-Ferħ tal-Familja

F'waħda mill-katekeżi dwar il-familja (Udjenza Ġeneral tal-11/11/2015) il-Papa Franġisku jitkellem dwar "il-konvivjalità" (li ngħixu flimkien fil-ferħ), "jiġifieri meta naqsmu flimkien il-ġid tal-ħajja u nifirħu li nistgħu nagħmlu dan." Hu jsejħilha "kwalità karatteristika tal-ħajja fil-familja li wieħed jitgħallem sa mill-ewwel snin tal-ħajja."

Għall-Papa, is-simbolu ta' dan il-ferħ huwa "l-familja miġbura mal-mejda taddar. Il-qsim tal-ikla – u għalhekk, barra tal-ikel, anke tar-rispett, tar-rakkonti, tal-ġrajjiet... – hu esperjenza fundamentali. Meta hemm festa, għeluq snin xi ħadd, anniversarju, insibu ruħna madwar il-mejda."

Il-Papa jgħid kif Ġesù kien iħobb jgħallem madwar mejda, u kif xi drabi kien iqabbel is-saltna ta' Alla ma' ikla ta' festa. Imbagħad jgħaddi biex jagħmel paragun bejn l-ikla tagħna u ġrajjiet fl-Evanġelju fejn insibu 'l Ġesù mal-mejda, l-aqwa fosthom dik tal-Aħħar Ċena, jew kif isejħilha l-Papa, "il-ġest memorjali tas-Sagrifiċċju tiegħu: don ta' Ġismu u ta' Demmu bħala Ikel u Xorb ta' salvazzjoni, li jitimgħu l-imħabba vera u li tibqa'."

Hawn il-Papa jitkellem dwar it-tifsira li l-Quddiesa għandha għall-familja:

> F'din il-perspettiva, nistgħu ngħidu li l-familja tħossha f'darha waqt il-Quddiesa, proprju għax fl-Ewkaristija tieħu magħha l-esperjenza tagħha ta' konvivjalità u tiftaħha għall-grazzja ta' konvivjalità universali, tal-imħabba ta' Alla għad-dinja. Meta tieħu sehem fl-Ewkaristija, il-familja tiġi msoffija mit-tentazzjoni li tingħalaq fiha nfisha, imqawwija fl-imħabba u fil-fedeltà, u twessa' l-konfini tal-fraternità tagħha skont il-qalb ta' Kristu.

Importanza kbira tingħata mill-Papa għall-mod kif inġibu ruħna mal-mejda filwaqt li jirrikonoxxi d-diffikultajiet tal-ħajja tal-lum:

> Illum ħafna kuntesti soċjali jqiegħdu xkiel quddiem il-konvivjalità tal-familja. Hu minnu, illum mhuwiex faċli. Irridu nsibu mod kif nerġgħu niksbuha. Mal-mejda nitkellmu ma' xulxin, mal-mejda nisimgħu lil xulxin. M'għandu jkun hemm l-ebda skiet, dak is-skiet li mhux is-skiet tal-monaċi; imma s-skiet tal-egoiżmu, fejn kulħadd moħħu fih innifsu, jew

fit-televiżjoni jew fil-kompjuter...
u ma jitkellmux. Le, xejn silenzju.
Hemm bżonn li niksbu mill-ġdid dik
il-konvivjalità familjari u nadattawha
għal żminijietna.

Il-Papa jqajjem diversi punti li jolqtu lill-familja fil-mumenti sbieħ tagħha meta hi miġbura madwar il-mejda u jsemmi l-vantaġġi li jistgħu jinkisbu. Hu ma jonqosx li jsemmi wkoll id-diffikultajiet li ħafna drabi ssib il-familja biex tinġabar madwar il-mejda tal-ikel minħabba ċ-cirkostanzi tal-ħajja tal-lum.

Għajnuna għad-Diskussjoni

- Tassew jeżistu dawn il-vantaġġi u fiex jikkonsistu għalikom?
- Minnu li familja miġbura tista' wkoll issib il-ferħ li jibqa' magħha anke wara li tintemm l-ikla?
- X'jista' jsir biex jingħelbu jew almenu jittaffew id-diffikultajiet li jissemmew biex il-familji jinġabru madwar mejda?
- Taħsbu li qegħdin nagħmlu biżżejjed biex il-familji tagħna u ta' dawk ta' madwarna jibqgħu jinġabru madwar il-mejda fit-tifsira sħiħa li jagħtiha l-Papa?

Nirriflettu fid-Dawl tal-Kelma t'Alla

It-Twaqqif tal-Ewkaristija (Mk. 14:17-20, 22-25)

17Għall-ħin ta' filgħaxija Ġesù ġie
mat-Tnax. 18U kif kienu fuq il-mejda
jieklu qal: "Tassew ngħidilkom li
wieħed minnkom se jittradini, wieħed
li qiegħed jiekol miegħi." 19Huma
bdew isewdu qalbhom, u wieħed
wara l-ieħor staqsewh: "Jaqaw jien?"
20Qalilhom: "Wieħed mit-Tnax, li
qiegħed ibill il-ħobż fi platt wieħed
miegħi."
22Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal
il-barka, qasmu, newwilhulhom u qal:
"Ħudu, dan hu ġismi." 23Imbagħad
ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u
newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu.
24U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-
demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna.
25Tassew ngħidilkom li ma nixrobx
iżjed mill-frott tad-dielja sa dakinhar li
nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla."

Ħafna drabi madwar il-mejda fil-familja jingħadu bosta ħwejjeġ ta' ferħ iktar milli ta' niket. Imma madwar il-mejda jfaqqgħu wkoll l-aħbarijiet il-ħżiena u ta' swied il-qalb. Jistgħu jkunu aħbarijiet ta' ferħ jew ta' niket li jolqtu direttament lill-membri tal-familja jew le. Ngħidu

aħna, tista' taslilna l-aħbar li n-neputija ser ikollha tarbija u fl-istess nifs xi ħadd jgħidilna li z-ziju Martin ser jiddaħħal l-isptar għal operazzjoni serja. Fl-Aħħar Ċena nsibu l-ferħ glorjuż tat-twaqqif tal-Ewkaristija li jasal ftit minuti wara l-aħbar tat-tradiment ta' Ġuda. Madwar il-mejda, f'temp ta' ftit minuti, l-Appostli jduqu d-diqa tat-tradiment ta' Ġuda u jesperjenzaw l-ewwel Ewkaristija.

Għajnuna għar-Riflessjoni

- Imma għaliex seħħew flimkien fuq l-istess mejda, l-iswed u l-abjad, id-dlam u d-dawl?
- Ġieli fil-ħajja personali tagħna jiġri l-istess, fis-sens li waqt li nkunu miġburin flimkien ikun hemm taħlita ta' diskors u kliem li jġibu sew il-ferħ kif ukoll in-niket, li jġibu l-għaqda u l-firda, il-ħbiberija u l-ksur ta' relazzjonijiet tajbin?
- Huwa l-każ li kultant jiġrilna li ma nagħrfux inrażżnu lilna nfusna, u nispiċċaw inpaċpċu żżejjed meta kien ikun aħjar kieku ċertu diskors ma sarx dak il-ħin jew mhux quddiem kulħadd? Stajna stennejna ħin ieħor jew okkażjoni oħra?

Ħin ta' Ġabra u Talb madwar Ġesù Ewkaristija

- Nitolbu biex il-Mulej jgħinna nkomplu nfittxu l-ferħ fil-familja, mhux l-inqas dak il-ferħ li jinkiseb madwar il-mejda waqt l-ikla ta' kuljum, waqt barbeques, matul il-parties li norganizzaw u f'waqtiet oħrajn fejn niġabru f'nuklei tal-familja.
- Nitolbu biex dan il-ferħ fil-familja ma jtirx mar-riħ u jispiċċa mal-ewwel sinjal ta' tilwima.
- Nitolbu biex il-koppji li qed jgħixu sewwa l-missjoni ta' ħajja miżżewġa Nisranija ma jinġarrux mill-kurrent, il-moda u influwenzi qarrieqa biex jaqbdu stili ta' ħajja oħrajn.
- Nitolbu biex ikunu aktar numerużi dawk fostna li mhux biss igawdu l-ferħ fil-familji tagħhom imma jkunu ta' eżempju tajjeb għal familji oħrajn u b'hekk ikunu xhieda ħajja ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu.
- F'din l-aħħar laqgħa tagħna għal din is-sena, tajjeb nagħmlu ftit eżami tal-kuxjenza tagħna u waqt li nirringrazzjaw 'l Alla ta' kulma għamel magħna, nitolbuh maħfra tan-nuqqasijiet tagħna.


"Grazzi Sinjur Alla,
u aħfirli Sinjur Alla."
SAN ĠORĠ PREKA

KUMITAT ĊENTRALI 2020

Gruppi Familji Nsara – Moviment ta' Kana
Istitut Kattoliku, Triq San Publiju – Floriana FRN 1441
www.gfnmalta.org

Koppja President – Carmel u Helen D'Amato
Tel. 21649785, Mob. 79551082. E-mail: koppja-president@gfnmalta.org

Chaplain Nazzjonali – Mons. Charles Attard
Tel. 22238000, Mob. 79014827. E-mail: director@gfnmalta.org

Koppja Segretarja – Emmanuel u Rosanna Falzon
Tel. 21642931, Mob. 99420643. E-mail: koppja-segretarja@gfnmalta.org

Koppja Teżoriera – George u M'Louise Sammut
Tel. 27498110, Mob. 99893587. E-mail: koppja-tezoriera@gfnmalta.org.

DISTRETT 'A'

Koppja Distrettwali – Godwin u Pauline Grech

Tel. 21238801, Mob. 79211468. E-mail: koppja-distrettwali-a@gfnmalta.org

Parroċċi: Gwardamaġa, Ħamrun (SG), Marsa (TQ), Santa Venera, Birkirkara (SE-A), Birkirkara (SE-B), Birkirkara (SM), Ħad-Dingli, Rabat, Ħal Qormi (SB), Ħal Qormi (SĠ-A), Ħal Qormi (SĠ-B), Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ

DISTRETT 'B'

Koppja Distrettwali – Anthony u Helen Attard Bason

Tel. 21372701, Mob. 79860113. E-mail: koppja-distrettwali-b@gfnmalta.org

Parroċċi: Tal-Ibraġ, Mosta (A), Mosta (B), Mosta (C), Mellieħa, Msida (A), Msida (B), Balluta, San Ġiljan, Swieqi.

DISTRETT 'Ċ'

Parroċċi: Paola (KR), Santa Luċija, Ħal Tarxien, Gudja, Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar (A), Ħaż-Żabbar (B), L-Isla, Marsaxlokk, Żejtun (A), Żejtun (B), Żurrieq, Luqa.

Talba tal-Bidu

Mulej, Grazzi talli tajtna lil xulxin bħala l-isbaħ rigal. Għinna biex inżommuk dejjem fiċ-ċentru tal-ħajja tagħna fiż-żwieġ, u biex, magħqudin flimkien, nibqgħu dejjem infaħħruk. Grazzi talli laqqajtna lkoll flimkien f'dan il-Grupp. Għinna biex, permezz ta' din il-laqgħa tagħna mal-Kelma tiegħek, noffru sostenn lil xulxin b'imħabba u b'sens ta' qadi qaddis, biex hekk nissaħħu fir-rabta tagħna fis-Sagrament taż-Żwieġ. Ammen.

Talba tal-Għeluq

Saċerdot: Ħuti, nitolbu lill-Mulej Alla jbierek din il-laqgħa li għamilna fil-preżenza tiegħu. Ninġabru quddiem Alla, li bierek l-għaqda tagħkom fis-Sagrament taż-Żwieġ, biex b'fiduċja sħiħa nitolbuh dak li nixtiequ għall-familja tagħna u tal-oħrajn.

Koppja Mexxejja: Nitolbu għall-familji tagħna.

Kulħadd: Mulej, aħna nikkonsagrawlek l-imħabba tagħna lejn xulxin u lejn uliedna u nitolbuk li ssaltan dejjem f'kull membru tal-familja tagħna u tieqaf magħna f'kulma nagħmlu u ngħidu biex, kif aħna magħqudin flimkien f'din l-art ninġabru lkoll miegħek fid-dar tiegħek tas-sema.
(Niftakru f'dawk li nixtiequ nitolbu għalihom)

Koppja Mexxejja: Nitolbu għall-familji ta' ħutna.

Kulħadd: Mulej, nitolbuk ukoll għall-familji kollha ta' din il-parroċċa u tad-dinja kollha; saħħaħ l-għaqda fl-imħabba fost il-miżżewġin; ieqaf mat-tfal u ż-żgħażagħ; kun il-qawwa tal-foqra, il-faraġ tar-romol u Missier il-bnedmin kollha.
(Inżommu id f'id u ngħidu flimkien il-Missierna)

Saċerdot: Iberikna l-Mulej u jħarisna! Jixħet id-dija ta' wiċċu fuqna u jurina l-ħniena! Iħares lejna l-Mulej b'imħabba u jagħtina s-sliem! Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

Ammen.